ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 16

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

19 ta' Jannar 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2008 ta' l-14 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1371/2005 li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti b'vina parallela rrumblati ċatt ta' azzar silikon-elettriku li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u r-Russja** ..... 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 42/2008 tat-18 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 4

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 43/2008 tat-18 ta' Jannar 2008 li jistipula l-koeffiċjent ta' l-allokazzjoni applikabbli għall-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa tal-15 ta' Jannar 2008 fil-kuntest tal-kwota tariffarja Komunitarja stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 2402/96 fir-rigward għal-lamtu tal-manjoka ..... 6

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 44/2008 tat-18 ta' Jannar 2008 li jistabilixxi safejn jistgħu jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet li jsiru fl-ewwel 10 t'ijiem ta' Jannar 2008 għal-liċenzji ta' l-importazzjoni tal-butir li joriġina minn New Zealand skond in-numri tal-kwoti 09.4195 u 09.4182 ..... 7

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 45/2008 tat-18 ta' Jannar 2008 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008 ..... 9

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 46/2008 tat-18 ta' Jannar 2008 li jemenda għad-90 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban** ..... 11

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2008/62/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2007 rigward l-Artikoli 111 u 172 ta' l-Abbozz ta' Att Polakk dwar Organiżmi Modifikati Ġenetikament, innotifikati mir-Repubblika tal-Polonja skond l-Artikoli 95(5) tat-Trattat tal-KE bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4697)* ([1]) . . . . . . . . . . . . . . . 17

2008/63/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjonijiet 2002/231/KE, 2002/255/KE, 2002/272/KE, 2002/371/KE, 2003/200//KE u 2003/287/KE sabiex ittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja għal ċerti prodotti** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6800)* ([1]) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 26

2008/64/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007 li tagħti deroga mitluba mill-Belġju fir-rigward tar-reġjun Fjamming skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6654)* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 28

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 41/2008

**ta' l-14 ta' Jannar 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1371/2005 li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti b'vina parallela rrumblati ċatt ta' azzar silikon-elettriku li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u r-Russja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. IL-MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 1371/2005 [2], il-Kunsill impona dazju *anti-dumping* definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti b'vina parallela ta' prodotti rrumblati ċatt ta' azzar silikon-elettriku ("GOES") li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika ("Stati Uniti") u r-Russja (ir-"Regolament definittiv").

(2) Bid-Deċiżjoni 2005/622/KE [3], il-Kummissjoni aċċettat garanziji offruti fuq il-prezz minn żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw li kellhom imposti dazji speċifiċi ta' 31,5 % (AK Steel Corporation, Stati Uniti) u 11,5 % (Novolipetsk Iron u Steel Corporation (NLMK), ir-Russja) rispettivament. Id-dazji *anti-dumping* applikabbli mal-pajjiż kollu fuq il-kumpaniji l-oħra kollha, minbarra Viz Stal, fir-Russja, soġġetti għal dazju ta' 0 %, huma 37,8 % għall-Istati Uniti u 11,5 % għar-Russja.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).
[2] OJ L 223, 27.8.2005, p. 1.
[3] OJ L 223, 27.8.2005, p. 42.

### B. L-INVESTIGAZZJONI PREŻENTI

(3) L-informazzjoni li tinsab għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni indikat li ċerti GOES li tipikament għandhom ħxuna li twassal għal 0.1 mm u minħabba, inter alia, l-effiċjenza elettromanjetika għolja tagħhom, piż baxx u żvilupp bi sħana baxxa assoċjati ma' l-użu tagħhom għandhom proprjetajiet li mhumiex preżenti f'tipi ta' GOES oħra. Minħabba dawn il-karatteristiċi, l-użu ta' dawn il-prodotti meqjus ukoll differenti u jinsab tipikament fl-industrija ta' l-inġinerija ta' l-avjazzjoni u tal-mediċina. Għalhekk, tqies xieraq li jiġi rivedut il-każ safejn l-iskop tal-prodott hu kkonċernat.

(4) Wara li ġie stabbilit, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed provi li jiġġustifikaw il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni, b'avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, bdiet reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku [4]. L-iskop ta' l-investigazzjoni kien limitat għad-definizzjoni tal-prodott soġġett għall-miżuri fis-seħħ sabiex tiġi vvalutata l-ħtieġa għal emenda ta' l-iskop tal-prodott.

### C. IL-PRODOTT RIVEDUT

(5) Il-prodott li qed jiġi rivedut huma prodotti b'vina parallela rrumblati ċatt ta' azzar silikon-elettriku, attwalment ikklassifikati fil-kodiċijiet tan-NM 7225 11 00 (b'wisa' ta' 600 mm jew aktar) u 7226 11 00 (b'wisa' ta' anqas minn 600 mm). Dawn il-kodiċijiet qed jingħataw biss għall-informazzjoni.

(6) Il-GOES jinħadmu minn koljaturi rromblati bis-sħana ta' azzar liga silikon ta' ħxuna differenti li l-istruttura partikolari tal-vina tagħhom hi diretta bl-istess mod sabiex tippermetti kondottività manjetika bi grad ogħla ta' effiċjenza. L-ineffiċjenza fir-rigward ta' din il-kondottività manjetika tissejjaħ "core loss", li hi l-indikatur prinċipali tal-kwalità tal-prodott.

[4] ĠU C 254, 20.10.2006, p. 10.

(7) Is-suq hu tipikament maqsum fi gradi b'kondottività għolja jew fi gradi b'permeabilità għolja u fi gradi regolari. Il-gradi b'permeabilità għolja jippermettu li jitwettaq anqas *core loss* għal kwalunkwe ħxuna tal-folji. Karatteristiċi ta' din ix-xorta huma rilevanti b'mod speċjali għall-produtturi industrijali tat-transformers ta' l-enerġija elettrika.

D. **L-INVESTIGAZZJONI**

(8) Il-Kummissjoni tat parir kemm lill-produtturi tal-GOES tal-Komunità, lill-importaturi magħrufin kollha tal-Komunità u l-utenti kif ukoll lill-produtturi magħrufin li jesportaw fl-Istati Uniti u r-Russja dwar il-bidu tar-reviżjoni.

(9) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-partijiet imsemmija hawn fuq u minn dawk il-partijiet li għarrfu lilhom infushom fil-limitu taż-żmien iffissat fl-avviż ta' ftuħ ta' l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni tat ukoll lill-partijiet interessati l-opportunità biex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u biex jitolbu għal seduta ta' smigħ.

(10) Il-kumpaniji li ġejjin ikkooperaw fl-investigazzjoni u pprovdew informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni:

*Il-produtturi Komunitarji*

— ThyssenKrupp Electrical Steel GmbH, Gelsenkirchen, il-Ġermanja

— Orb Electrical Steels Limited – Cogent Power Limited, Newport, ir-Renju Unit

*Il-produtturi tal-GOES fl-Istati Uniti*

— AK Steel Corporation, Butler, Pennsylvania

— Allegheny Technologies Incorporated, Pittsburgh, Pennsylvania

*Il-produtturi tal-GOES fir-Russja*

— Novolipetski Iron & Steel Corporation (NLMK), Lipetsk

— VIZ Stal, Ekaterinburg

*Il-produttur tal-GOES irqaq fl-Istati Uniti*

— Arnold Magnetic Technologies, Marengo, Illinois

*L-importatur tal-GOES irqaq fil-Komunità*

— Gebruder Waasner GmbH, Forchheim, il-Ġermanja

*L-utenti tal-GOES irqaq fil-Komunità*

— Gebruder Waasner GmbH, Forchheim, il-Ġermanja

— Sangl GmbH, Erlangen, il-Ġermanja

— Vacuumschmelze GmbH, Hanau, il-Ġermanja

E. **IR-RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI**

1. **L-identità differenti ta' produtturi tal-GOES "ordinarji" kontra dawk "irqaq"**

(11) Ebda wieħed mill-produtturi tal-GOES, li ġew investigati fil-qafas tal-proċedura li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ, ma jipproduċu GOES bil-ħxuna kif immirat fl-iskop ta' l-investigazzjoni tal-prodott attwali.

(12) La ThyssenKrupp Electrical Steel GmbH, lanqas Orb Electrical Steels Limited (Cogent) ma jipproduċu GOES irqaq u l-istess sitwazzjoni tapplika għall-produtturi ta' Istati Uniti, jiġifieri AK Steel Corporation u Allegheny Technologies Incorporated, u l-produtturi Russi VIZ Stal u NLMK. Konsegwentement, ebda wieħed minn dawn il-produtturi ma kellu interess dirett u ebda wieħed minnhom ma oġġezzjona dwar l-esklużjoni possibbli tal-GOES irqaq mill-iskop tal-miżuri.

(13) Il-produzzjoni tal-GOES irqaq teħtieġ proċess ta' rromblar mill-ġdid, li jsir minn kumpaniji speċjalizzati li minnhom tnejn huma magħrufin lill-Kummissjoni fil-pajjiżi kkonċernati. Il-produtturi mill-Istati Uniti Arnold Magnetic Technologies u l-produttur Russu Ileko (Asha), li minnhom ikkooperat biss l-ewwel kumpanija. Kif indikat hawn fuq fil-premessi (10) u (11), m'hemmx produzzjoni ta' din ix-xorta li hi magħrufa fil-Komunità.

2. **Id-differenzjazzjoni tal-prodott**

(14) AK Steel Corporation ipproduċiet GOES irqaq sa l-1971, imsejħa gradi-T. Il-proċess tal-produzzjoni beda minn gradi ta' GOES lesti kompletament (kemm regulari kif ukoll b'permeabilità għolja), li minnhom tneħħa l-mill *coating* u fejn il-folji ġew irromblati, ittemprati u miksijin mill-ġdid. Użi aħħarin speċifiċi nstabu fl-industrija ta' l-avjazzjoni, fit-transformers u f'varjetà wiesgħa ta' applikazzjonijiet elettro-tekniċi, li għalihom id-daqs u l-piż tal-materjal hu ta' importanza deċiżiva. Instab li GOES irqaq ta' din ix-xorta mhumiex interskambjabbli ma' GOES oħrajn.

(15) Ġie wkoll eżaminat jekk gradi-T ta' din ix-xorta kinux jikkonsistu minn prodott li seta' jiġi ddistingwit minn GOES "ordinarji" abbażi ta' karatteristiċi tekniċi. Instab li l-proċess ta' rromblar mill-ġdid (li jikkonsisti minn proċess ta' tiġbid mekkaniku kiesaħ u li jiċċattja), flimkien ma' l-ittemprar u l-kisi mill-ġdid, fundamentalment jibdel l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodott, osservazzjoni li hi kkorroborata bit-tneħħija tal-garanzija oriġinali tal-manifatturi tal-prodott.

(16) Instab ukoll li l-karatteristiċi fiżiċi tal-ħxuna mhumiex limitati għal 0.10 mm li kien il-massimu tal-ħxuna msemmija fl-avviż ta' ftuħ. Il-ħxuna li kummerċjalment tidher l-aktar hi 0.1016 mm u 0.1524 mm li fl-Istati Uniti ta' spiss hi magħrufa bħala 4 "mil" u 6 "mil". Mil wieħed jirrappreżenta elf ta' pulzier jew 0.0254 mm.

(17) Id-definizzjoni tal-prodott tal-GOES irqaq għalhekk għandha tkun speċifikata bħala GOES li huma rromblati mill-ġdid għal ħxuna ta' massimu ta' 0.16 mm, ittemprati u miksijin mill-ġdid.

F. **APPLIKAZZJONI RETROATTIVA**

(18) Minħabba s-sejbiet ta' hawn fuq il-GOES irqaq għandhom karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi differenti u użi aħħarin oħrajn għajr dawk tal-GOES, meqjus adatt li jiġu eżentati l-importazzjonijiet tal-GOES bi ħxuna massima ta' 0.16 mm mill-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ.

(19) Konsegwentement, għall-oġġetti li mhumiex koperti bl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1371/2005 kif emendat b'dan ir-Regolament, id-dazji definittivi *anti-dumping* imħallsa jew imdaħħlin fil-kontijiet skond l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1371/2005 fil-verżjoni inizjali tiegħu għandhom jiġu rimborżati jew jintbaghtu lura.

(20) Ir-rimborż jew ir-remissjoni għandha tiġi rikjesta mill-awtoritajiet doganali nazzjonali skond il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

(21) Billi din l-investigazzjoni ta' reviżjoni hi limitata għall-kjarifika tal-prodott u billi ma kienx maħsub li dan it-tip ta' prodott jiġi kopert bil-miżuri oriġinali, biex ma tithallhiex issir ħsara konsegwenti lill-importaturi tal-prodott, hu xieraq li l-iskoperti jibdew japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament definittiv. Barra minn hekk, b'mod partikolari fid-dawl tad-dħul fis-seħħ relattivament reċenti tar-Regolament oriġinali u tan-numru limitat mistenni ta' talbiet għal rimborż, m'hemmx raġuni ta' aktar importanza biex tiġi prevista applikazzjoni retroattiva ta' din ix-xorta.

(22) Din ir-reviżjoni ma taffettwax id-data tar-Regolament (KE) Nru 1371/2005 li jiskadi skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolment bażiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1371/2005 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Dazju *anti-dumping* definittiv hu hawnhekk impost fuq importazzjonijiet ta' prodotti b'vina parallela rromblati ċatt ta' azzar silikon-elettriku bi ħxuna li tkun aktar minn 0.16 mm, li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u r-Russja, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 7225 11 00 (prodotti b'wisa' ta' 600 mm jew aktar) (il-kodiċi TARIC 7225 11 00 10) u ex 7226 11 00 (prodotti b'wisa' anqas minn 600 mm) (il-kodiċijiet TARIC 7226 11 00 11 u 7226 11 00 91."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-28 ta' Awwissu 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 14 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. RUPEL

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 42/2008

## tat-18 ta' Jannar 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-19 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta’ l-Kummissjoni tat-18 ta’ Jannar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta’ l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 206,7 |
| | MA | 56,8 |
| | TN | 129,8 |
| | TR | 102,4 |
| | ZZ | 123,9 |
| 0707 00 05 | JO | 184,6 |
| | MA | 48,4 |
| | TR | 109,8 |
| | ZZ | 114,3 |
| 0709 90 70 | MA | 97,6 |
| | TR | 149,8 |
| | ZZ | 123,7 |
| 0709 90 80 | EG | 313,6 |
| | ZZ | 313,6 |
| 0805 10 20 | EG | 49,0 |
| | IL | 51,9 |
| | MA | 74,4 |
| | TN | 56,4 |
| | TR | 74,0 |
| | ZA | 52,9 |
| | ZZ | 59,8 |
| 0805 20 10 | MA | 103,8 |
| | TR | 101,8 |
| | ZZ | 102,8 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 62,3 |
| | IL | 58,0 |
| | JM | 120,0 |
| | TR | 82,5 |
| | ZZ | 80,7 |
| 0805 50 10 | BR | 76,4 |
| | EG | 102,1 |
| | IL | 123,3 |
| | TR | 127,9 |
| | ZA | 54,7 |
| | ZZ | 96,9 |
| 0808 10 80 | CA | 96,2 |
| | CN | 76,6 |
| | MK | 36,0 |
| | US | 120,2 |
| | ZA | 59,7 |
| | ZZ | 77,7 |
| 0808 20 50 | CN | 64,1 |
| | TR | 126,4 |
| | US | 100,7 |
| | ZZ | 97,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi “ZZ” jirrappreżenta “oriġini oħra”.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 43/2008**

**tat-18 ta' Jannar 2008**

**li jistipula l-koeffiċjent ta' l-allokazzjoni applikabbli għall-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa tal-15 ta' Jannar 2008 fil-kuntest tal-kwota tariffarja Komunitarja stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 2402/96 fir-rigward għal-lamtu tal-manjoka**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli rregolati minn sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ([2]), u partikolarment l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2402/96 ([3]) stabbilixxa kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' 10 000 tunnellata karboidrat manjoku u kwota ta' tariffa annwali addizzjoniali u awtonoma ta' 500 tunnellata ta'd karboidrat manjoku (numru tas-serje 09.4064).

(2) Min-notifika konformi ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, jirriżulta li l-applikazzjonijiet imressqa tal-15 ta' Jannar 2008 fis-13:00, ħin ta' Brussell, skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament imsemmi, huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi determinat sa liema limitu jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, filwaqt li jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' l-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba.

(3) Jeħtieġ ukoll li ma jinħarġux liċenzji ta' l-importazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 2402/96 għall-perjodu kurrenti tal-kwota,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Kull applikazzjoni għal liċenzja ta' l-importazzjoni ta' karboidrat manjoku fl-ambitu tal-kwota msemmija fir-Regolament (KE) Nru 2402/96, imressqa tal-15 ta' Jannar 2008 fis-13:00, ħin ta' Brussell, tagħti lok għall-ħruġ ta' liċenzja għall-kwantitajiet mitluba assenjati skond il-koeffiċjent ta' l-allokazzjoni ta' 5,133291 %.

2. Il-ħruġ ta' liċenzji għal kwantitajiet mitluba mill-15 ta' Jannar 2008 fis-13:00, ħin ta' Brussell, huwa sospiż għall-perjodu kurrenti tal-kwota.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6). Ir-Regolament (KE) Nru 1784/2003 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

([3]) ĠU L 327, 18.12.1996, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1884/2006 (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 44).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 44/2008

## tat-18 ta' Jannar 2008

## li jistabilixxi safejn jistgħu jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet li jsiru fl-ewwel 10 t'ijiem ta' Jannar 2008 għal-liċenzji ta' l-importazzjoni tal-butir li joriġina minn New Zealand skond in-numri tal-kwoti 09.4195 u 09.4182

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ta' l-14 ta' Diċembru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti ta' l-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [2] u li jiftaħ il-kwoti tat-tariffi, u partikolarment Artikolu 35a (3) tiegħu,

Billi:

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni, magħmulin mill-1 sa' l-10 ta' Jannar 2008 għall-butir li joriġina minn New Zealand skond in-numri tal-kwoti 09.4195 u 09.4182 irriferiti fl-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 u nnotifikati lill-Kummissjoni sal-15 ta' Jannar 2008, jikkonċernaw kwantitajiet akbar minn dawk disponibbli. Għalhekk il-koeffiċjenti ta' l-allokazzjonijiet għandhom jiġu ffissati għall-kwantitajiet li saret applikazzjoni għalihom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għall-butir li joriġina minn New Zealand skond in-numri tal-kwoti 09.4195 u 09.4182 magħmulin skond ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 mill-1 sa' l-10 ta' Jannar 2008 u nnotifikati lill-Kummissjoni sal-15 ta' Jannar 2008 jridu jiġu aċċettati suġġetti għall-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' l-allokazzjonijiet kif stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fit-totalità kollha tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Id-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

(1) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2). Ir-Regolament (KE) Nru 1255/1999 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.
(2) ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1565/2007 (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 37).

*ANNESS*

| In-numru tal-kwota | Il-koeffiċjent ta’ l-allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4195 | 12,685836 % |
| 09.4182 | 100 % |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 45/2008

## tat-18 ta’ Jannar 2008

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta’ ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta’ l-20 ta’ Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta’ Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f’dak li għandu x’jaqsam mal-kummerċ mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b’mod partikulari l-Artikolu 36 tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta’ ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2007/2008 ġew stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1109/2007 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 37/2008 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fi jdejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008, huma mmodifikati, u jinsabu fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-19 ta’ Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta’ Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta’ Ottubru 2008.

([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2031/2006 (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 43).

([3]) ĠU L 253, 28.9.2007, p. 5.

([4]) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 20.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti tal-kodiċi NM 1702 90 95 applikabbli mid-19 ta' Jannar 2008 'l quddiem**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 23,38 | 4,61 |
| 1701 11 90 (1) | 23,38 | 9,84 |
| 1701 12 10 (1) | 23,38 | 4,42 |
| 1701 12 90 (1) | 23,38 | 9,41 |
| 1701 91 00 (2) | 22,77 | 14,47 |
| 1701 99 10 (2) | 22,77 | 9,33 |
| 1701 99 90 (2) | 22,77 | 9,33 |
| 1702 90 95 (3) | 0,23 | 0,41 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness I, punt III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1).
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness I, punt II tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sakkarożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 46/2008

## tat-18 ta' Jannar 2008

## li jemenda għad-90 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban ta' l-Afganistan [1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skond dak ir-Regolament.

(2) Fil-21 ta' Diċembru 2007, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika s-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Eneko LANDÁBURU
*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1389/2007 (ĠU L 310, 28.11.2007, p. 6).

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni “Al-Itihaad Al-Islamiya (AIAI)” taħt l-intestatura “Persuni legali, gruppi u entitajiet” għandha tiġi sostitwita b’:

“Al-Itihaad Al-Islamiya (AIAI). Informazzjoni oħra: (a) Irrappurtata li topera fis-Somalja u l-Etjopja, (b) It-tmexxija tinkludi Hassan Abdullah Hersi Al-Turki u Hassan Dahir Aweys.”

(2) L-annotazzjoni “Moustafa **Abbes**. Indirizz: Via Padova, 82 – Milan, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 5.2.1962. Post tat-twelid: Osniers, l-Alġerija” taħt l-intestatura “Persuni naturali” għandha tiġi sostitwita b’:

“Moustafa **Abbes**. Indirizz: Via Padova, 82, Milan, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 5.2.1962. Post tat-twelid: Osniers, l-Alġerija. Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal tliet snin u sitt xhur ħabs mit-Tribunal ta’ Napli fid-19.5.2005. Meħlus fit-30.1.2006 minħabba digriet li ssospenda s-sentenza.”

(3) L-annotazzjoni “Tarek Ben Al-Bechir Ben Amara **Al-Charaabi** (magħruf ukoll bħala (a) Tarek **Sharaabi**, (b) Haroun, (c) Frank). Indirizz: Viale Bligny 42, Milan, l-Italja. Data tat-twelid: 31.3.1970. Post tat-twelid: Tunis, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-passaport: L579603 (Passaport Tuneżin maħruġ f’Milan fid-19.11.1997 li skada fit-18.11.2002). Nru ta’ identifikazzjoni nazzjonali: 007-99090. Informazzjoni oħra: (b) Kodiċi fiskali Taljan: CHRTRK70C31Z352U. (b) ommu jisimha Charaabi Hedia” taħt l-intestatura “Persuni naturali” għandha tiġi sostitwita b:

“Tarek Ben Al-Bechir Ben Amara **Al-Charaabi** (magħruf ukoll bħala (a) Tarek **Sharaabi**, (b) Haroun, (c) Frank). Indirizz: Viale Bligny 42, Milan, l-Italja. Data tat-twelid: 31.3.1970. Post tat-twelid: Tunis, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-passaport: L579603 (Passaport Tuneżin maħruġ f’Milan fid-19.11.1997, li skada fit-18.11.2002). Nru ta’ l-identifikazzjoni nazzjonali: 007-99090. Informazzjoni oħra: (b) Kodiċi fiskali Taljan: CHRTRK70C31Z352U, (b) ommun jisimha Charaabi Hedia, (c) Meħlus mill-ħabs fl-Italja fit-28.5.2004. L-awtorità ġudizzjarja ta’ Milan ħarġet mandat ta’ arrest kontih fit-18.5.2005. Maħrub minn Ottubru 2007.”

(4) L-annotazzjoni “Said Ben Abdelhakim Ben Omar **Al-Cherif** (magħruf ukoll bħala (a) Djallal, (b) Youcef, (c) Abou Salman). Indirizz: Corso Lodi 59, Milan, l-Italja. Data tat-twelid: 25.1.1970. Post tat-twelid: Menzel Temime, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-passaport: M307968 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-8.9.2001, li jiskadi fis-7.9.2006)” taħt l-intestatura “Persuni Naturali” għandha tiġi sostitwita b’:

“Said Ben Abdelhakim Ben Omar **Al-Cherif** (magħruf ukoll bħala (a) Djallal, (b) Youcef, (c) Abou Salman). Indirizz: Corso Lodi 59, Milan, l-Italja. Data tat-twelid: 25.1.1970. Post tat-twelid: Menzel Temime, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-passaport: M307968 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-8.9.2001, li skada fis-7.9.2006). Informazzjoni oħra: Ikkundannat mill-Qorti tal-Prim’Istanza f’Milan għal erba’ snin u sitt xhur priġunerija fid-9.5.2005 u għal sitt snin priġunerija fil-5.10.2006. Miżmum fl-Italja sa minn Settembru 2007.”

(5) L-annotazzjoni “Noureddine Ben Ali Ben Belkassem **Al-Drissi**. Indirizz: Via Plebiscito 3, Cremona, l-Italja. Data tat-twelid: 30.4.1964. Post tat-twelid: Tunis, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-passaport: L851940 (Passaport Tuneżin maħruġ fid-9.9.1998, li skada fit-8.9.2003)” taħt l-intestatura “Persuni Naturali” għandha tiġi sostitwita b’:

“Noureddine Ben Ali Ben Belkassem **Al-Drissi**. Indirizz: Via Plebiscito 3, Cremona, l-Italja. Data tat-twelid: 30.4.1964. Post tat-twelid: Tunis, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-passaport: L851940 (Passaport Tuneżin maħruġ fid-9.9.1998, li skada fit-8.9.2003). Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal seba’ snin u sitt xhur ħabs Qorti tal-Prim’Istanza ta’ Cremona fil-15.7.2006. Din is-sentenza ġiet appellata u se jinżamm proċess ġdid mill-Qorti ta’ l-Appell ta’ Brescia. Miżmum fl-Italja sa minn Settembru 2007.”

(6) L-annotazzjoni “Fethi Ben Hassen Ben Salem **Al-Haddad**. Indirizz: (a) Via Fulvio Testi 184, Cinisello Balsamo (MI), l-Italja, (b) Via Porte Giove 1, Mortara (PV), l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 28.6.1963. Post tat-twelid: Tataouene, Tunisia. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-passaport: L183017 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-14.2.1996 li skada fit-13.2.2001). Informazzjoni oħra: Kodiċi fiskali Taljan: HDDFTH63H28Z352V” taħt l-intestatura “Persuni naturali” għandha tiġi sostitwita b’:

“Fethi Ben Hassen Ben Salem **Al-Haddad**. Indirizz: (a) Via Fulvio Testi 184, Cinisello Balsamo (MI), l-Italja, (b) Via Porte Giove 1, Mortara (PV), l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 28.6.1963. Post tat-twelid: Tataouene, Tunisia. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-passaport: L183017 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-14.2.1996, li skada fit-13.2.2001). Informazzjoni oħra: (b) Kodiċi fiskali Taljan: HDDFTH63H28Z352 V, (b) Ikkundannat għal ħames snin priġunerija mit-Tribunal ta’ Napli fid-19.5.2005. Meħlus fit-22.3.2007 minħabba digriet li ssospenda s-sentenza.”

(7) L-intestatura "Abd Al Wahab **Abd Al Hafiz** (magħruf ukoll bħala (a) Ferdjani Mouloud, (b) Mourad, (c) Rabah Di Roma). Indirizz: Via Lungotevere Dante – Ruma, l-Italja. Data tat-twelid: 7.9.1967. Post tat-twelid: Alġeri, l-Alġerija" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Abd Al Wahab **Abd Al Hafiz** (magħruf ukoll bħala (a) Ferdjani Mouloud, (b) Mourad, (c) Rabah Di Roma). Indirizz: Via Lungotevere Dante, Ruma, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 7.9.1967. Post tat-twelid: Alġeri, l-Alġerija. Informazzjoni oħra: Ikkundannat *in absentia* għal ħames snin priġunerija mit-Tribunal ta' Napli fid-19.5.2005. Maħrub minn Settembru 2007."

(8) L-annotazzjoni "Kamal Ben Maoeldi Ben Hassan **Al-Hamraoui** (magħruf ukoll bħala (a) Kamel, (b) Kimo). Indirizz: (a) Via Bertesi 27, Cremona, l-Italja, (b) Via Plebiscito 3, Cremona, l-Italja. Data tat-twelid: 21.10.1977. Post tat-twelid: Beja, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-Passaport: P229856 (passaport Tuneżin maħruġ fl-1.11.2002 li jiskadi fil-31.10.2007)" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Kamal Ben Maoeldi Ben Hassan **Al-Hamraoui** (magħruf ukoll bħala (a) Kamel, (b) Kimo). Indirizz: (a) Via Bertesi 27, Cremona, l-Italja, (b) Via Plebiscito 3, Cremona, l-Italja. Data tat-twelid: 21.10.1977. Post tat-twelid: Beja, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-Passaport: P229856 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-1.11.2002, li skada fil-31.10.2007). Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal tliet snin u erba' xhur priġunerija fi Brescia fit-13.7.2005. Suġġett għal digriet ta' espulsjoni, sospiż fis-17.4.2007 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ħieles minn Settembru 2007."

(9) L-annotazzjoni "Aweys, Hassan Dahir (magħruf ukoll bħala Ali, Sheikh Hassan Dahir Aweys) (magħruf ukoll bħala Awes, Shaykh Hassan Dahir); Data tat-twelid: 1935; ċittadin tas-Somalja" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Hassan Dahir **Aweys** (magħruf ukoll bħala (a) Ali, Sheikh Hassan Dahir Aweys, (b) Awes, Shaykh Hassan Dahir, (c) Hassen Dahir Aweyes, (d) Ahmed Dahir Aweys, (e) Mohammed Hassan Ibrahim, (f) Aweys Hassan Dahir). Titolu: (a) Sheikh, (b) Kulunell. Data tat-twelid: 1935. Nazzjonalità: Somali. Informazzjoni oħra: (a) Rappuratat li jinsab fl-Eritreja mit-12 ta' Novembru 2007; (b) Sfond familjari: mill-klann ta' Ħawiya, Ħabergdir, Ayr; (c) Mexxej anzjan ta' Al-Itihaad Al-Islamiya (AIAI)."

(10) L-annotazzjoni "Nessim Ben Mohamed Al-Cherif Ben Mohamed **Saleh Al-Saadi** (magħruf ukoll bħala Abou Anis). Indirizz: (a) Via Monte Grappa 15, Arluno (Milan), l-Italja, (b) Via Cefalonia 11, Milan, l-Italja. Data tat-twelid: 30.11.1974. Post tat-twelid: Ħaidra Al-Qasreen, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-Passaport: M788331 (passaport Tuneżin maħruġ fit-28.9.2001 li jiskadi fis-27.9.2006)" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Nessim Ben Mohamed Al-Cherif Ben Mohamed **Saleh Al-Saadi** (magħruf ukoll (a) Saadi Nassim, (b) bħala Abou Anis). Indirizz: (a) Via Monte Grappa 15, Arluno (Milan), l-Italja, (b) Via Cefalonia 11, Milan, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 30.11.1974. Post tat-twelid: Ħaidra Al-Qasreen, Tunisia. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-Passaport: M788331 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-28.9.2001, li skada fis-27.9.2006). Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal erba' snin u sitt xhur priġunerija u sabiex jiġii ddeportat mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Milan fid-9.5.2005. Meħlus fis-6.8.2006. Appell mill-Prosekutur ta' Milan, li kien pendenti f'Settembru 2007."

(11) L-intestatura "Faraj Faraj Hussein **Al-Sa'idi** (magħruf ukoll bħala (a) Mohamed Abdulla **Imad**, (b) Muhamad Abdullah **Imad**, (c) Imad Mouhamed **Abdellah**, (d) Faraj Farj **Hassan Al Saadi**, (e) Hamża "il-Libjan" **Al Libi**, (f) Abdallah **Abd al-Rahim**). Indirizz: Viale Bligny 42, Milan, l-Italja (Imad Mouhamed **Abdellah**). Data tat-twelid: 28.11.1980. Post tat-twelid: (a) il-Libja, (b) Gaża (Mohamed Abdulla **Imad**), (c) il-Ġordan (Mohamed Abdullah **Imad**), (d) il-Palestina (Imad Mouhamed **Abdellah**). Nazzjonalità: Libjan" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Faraj Faraj Hussein **Al-Sa'idi** (magħruf ukoll bħala (a) Mohamed Abdulla **Imad**, (b) Muhamad Abdullah **Imad**, (c) Imad Mouhamed **Abdellah**, (d) Faraj Farj **Hassan Al Saadi**, (e) Hamża **Al Libi**, (f) Abdallah **Abd al-Rahim**). Indirizz: Viale Bligny 42, Milan, l-Italja (Imad Mouhamed **Abdellah**). Data tat-twelid: 28.11.1980. Post tat-twelid: (a) il-Ġemaħerija Għarbija Libjana, (b) Gaża (Mohamed Abdulla **Imad**), (c) il-Ġordan (Mohamed Abdullah **Imad**), (d) il-Palestina (Imad Mouhamed **Abdellah**). Nazzjonalità: Libjan. Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal ħames snin priġunerija mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Milan fit-18.12.2006."

(12) L-intestatura "Hassan Abdullah Hersi Al-Turki (magħruf ukoll bħala Hassan Turki). Data tat-twelid: madwar l-1944. Post tat-twelid: Reġjun V (Ogaden), l-Etjopja. Informazzjoni oħra: membru tas-sottoklann ta' Reer-Abdille tal-klann Ogaden" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Hassan Abdullah Hersi **Al-Turki** (magħruf ukoll bħala Hassan Turki). Titolu: Sheikh. Data tat-twelid: Madwar 1944. Post tat-twelid: Reġjun V, l-Etjopja (ir-Reġjun ta' Ogaden ta' l-Etjopja tal-Lvant). Nazzjonalità: Somali. Informazzjoni oħra: (a) Irrappurtat li huwa attiv fin-Nofsinhar tas-Somalja, f'Juba ta' Isfel ħdejn Kismayo, prinċipalment f'Jilibe u Burgabo min-Novembru 2007; (b) Sfond familjari: Mill-klann ta' Ogaden, is-sottoklann ta' Reer-Abdille; (c) Parti mit-tmexxija ta' Al-Itihaad Al-Islamiya (AIAI); (d) Maħsub li kien involut fl-attakki fuq l-ambaxxati ta' l-Istati Uniti f'Nairobi u Dar es Salaam f'Awwissu 1998."

(13) L-annotazzjoni "L'Hadi **Bendebka** (magħruf ukoll bħala (a) Abd Al Hadi, (b) Hadi). Indirizz: (a) Via Garibaldi, 70 – San Zenone al Po (PV), l-Italja, (b) Via Manzoni, 33 – Cinisello Balsamo (MI), l-Italja (Domiċilju). Data tat-twelid: 17.11.1963. Post tat-twelid: Alġeri, l-Alġerija. Informazzjoni oħra: l-indirizz li jinsab f'(a) użat sa mis-17.12.2001" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"L'Hadi **Bendebka** (magħruf ukoll bħala (a) Abd Al Hadi, (b) Hadi). Indirizz: (a) Via Garibaldi 70, San Zenone al Po (PV), l-Italja, (b) Via Manzoni 33, Cinisello Balsamo (MI), l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 17.11.1963. Post tat-twelid: Alġeri, l-Alġerija. Informazzjoni oħra: (a) l-indirizz li jinsab f'(a) użat sa mis-17.12.2001, (b) Ikkundannat għal tmien snin priġunerija mill-Qorti ta' l-Appell ta' Napli fis-16.3.2004. Miżmum fl-Italja minn Settembru 2007."

(14) L-annotazzjoni "Othman **Deramchi** (magħruf ukoll bħala Abou Youssef). Indirizz: (a) Via Milanese, 5 – Sesto San Giovanni, l-italja, (b) Piazza Trieste, 11 – Mortara, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 7.6.1954. Post tat-twelid: Tighennif, l-Alġerija. Kodiċi fiskali: DRMTMN54H07Z301T" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Othman **Deramchi** (magħruf ukoll bħala Abou Youssef). Indirizz: (a) Via Milanese 5, 20099 Sesto San Giovanni (MI), l-Italja, (b) Piazza Trieste 11, Mortara, l-Italja (domiċilju f'Ottubru 2002). Data tat-twelid: 7.6.1954. Post tat-twelid: Tighennif, l-Alġerija. Informazzjoni oħra: (a) Kodiċi fiskali: DRMTMN54H07Z301T, (b) Ikkundannat għal tmien snin priġunerija mit-Tribunal ta' Napli fid-19.5.2005. Miżmum fl-Italja minn Settembru 2007."

(15) L-intestatura "Radi Abd El Samie Abou El Yazid EL AYASHI, (altirmenti MERA'I), Via Cilea 40, Milan, l-Italja. Post tat-twelid: El Garbija (l-Eġittu). Data tat-twelid: it-2 ta' Jannar 1972" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Radi Abd El Samie Abou El Yazid **El Ayashi**, (magħruf ukoll bħala Mera'l). Indirizz: Via Cilea 40, Milan, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 2.1.1972. Post tat-twelid: El Gharbia (l-Eġittu). Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal għaxar snin priġunerija mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Milan fil-21.9.2006. F'kustodja fl-Italja minn Settembru 2007."

(16) L-annotazzjoni "Ahmed El Bouhali (magħruf ukoll bħala Abou Youssef). Indirizz: vicolo S. Rocco, 10 – Casalbuttano (Cremona), l-Italja. Data tat-twelid: 31.5.1963. Post tat-twelid: Sidi Kacem, il-Marokk. Nazzjonalità: Marokkin. Informazzjoni oħra: kodiċi fiskali Taljana LBHHMD63E31Z330M" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Ahmed **El Bouhali** (magħruf ukoll bħala Abu Katada). Indirizz: vicolo S. Rocco 10, Casalbuttano (Cremona), l-Italja. Data tat-twelid: 31.5.1963. Post tat-twelid: Sidi Kacem, il-Marokk. Nazzjonalità: Marokkin. Informazzjoni oħra: (a) Kodiċi fiskali Taljana LBHHMD63E31Z330M, (b) Misjub mhux ħati mill-Qorti ta' l-Assiżi ta' Cremona fil-15.7.2006."

(17) L-annotazzjoni "Ali El Heit (*alias* (a) Kamel Mohamed, (b) Alì Di Roma). Indirizz: (a) via D. Fringuello 20, Ruma, l-Italja, (b) Milan, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: (a) 20.3.1970, (b) 30.1.1971. Post tat-twelid: Rouiba, l-Alġerija" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Ali **El Heit** (magħruf ukoll bħala (a) Kamel Mohamed, (b) Alì Di Roma). Indirizz: (a) via D. Fringuello 20, Ruma, l-Italja, (b) Milan, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: (a) 20.3.1970, (b) 30.1.1971 (Kamel Mohamed). Post tat-twelid: Rouiba, l-Alġerija. Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal ħames snin priġunerija mit-Tribunal ta' Napli fid-19.5.2005. Meħlus fil-5.10.2006. Arrestat għal darb'oħra fil-11.8.2006 għal reati terroristiċi. Miżmum fl-Italja minn Settembru 2007."

(18) L-annotazzjoni "Sami Ben Khamis Ben Saleh **Elsseid** (alias (a) Omar El Mouhajer, (b) Saber). Indirizz: Via Dubini 3, Gallarate (VA), l-Italja. Data tat-twelid: 10.2.1968. Post tat-twelid: Menżel Jemil Bizerte, it-Tuniżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Nru tal-Passaport: K929139 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-14.2.1995 u jiskadi fit-13.2.2000). Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 00319547 maħruġ fit-8.12.1994. Informazzjoni oħra: (a) Kodiċi fiskali Taljan: SSDSBN68B10Z352F, (b) ommu jisimha Beya Al-Saidani, (c) għal sentenza ta' ħames snin ħabs, attwalment detenut fl-Italja" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Sami Ben Khamis Ben Saleh **Elsseid** (magħruf ukoll bħala (a) Omar El Mouhajer, (b) Saber). Indirizz: Via Dubini 3, Gallarate (VA), l-Italja. Data tat-twelid: 10.2.1968. Post tat-twelid: Menżel Jemil Bizerte, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-Passaport: K929139 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-14.2.1995, li skada fit-13.2.2000). Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 00319547 (maħruġ fit-8.12.1994). Informazzjoni oħra: (a) Kodiċi fiskali Taljan: SSDSBN68B10Z352F, (b) ommu jisimha Beya Al-Saidani, (c) ikkundannat għal ħames snin priġunerija, li tnaqqset għal sena u tmien xhur mill-Qorti ta' l-Appell ta' Milan fl-14.12.2006. L-awtorità ġudizzjarja ta' Milan ħarġet mandat ta' arrest kontrih fit-2.6.2007. Miżmum fl-Italja minn Ottubru 2007."

(19) L-annotazzjoni "Mohammed Tahir HAMMID (magħruf ukoll bħals ABDELHAMID AL KURDI), Via della Martinella 132, Parma, l-Italja. Post tat-twelid: Poshok (l-Iraq). Data tat-twelid: 1 ta' Novembru 1975. Titolu: Imam" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Mohammad Tahir **Hammid** (altrimenti Abdelhamid Al Kurdi). Titolu: Imam. Indirizz: Via della Martinella 132, Parma, l-Italja. Data tat-twelid: 1.11.1975. Post tat-twelid: Poshok, l-Iraq. Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal sena u ħdax-il xahar priġunerija mill-awtorità ġudizzjarja Taljana fid-19.4.2004. Meħlus fil-15.10.2004. Inħareġ ordni ta' deportazzjoni fit-18.10.2004. Maħrub sa minn Settembru 2007."

(20) L-annotazzjoni "Ali Ahmed Nur **Jim'ale** (magħruf ukoll bħala (a) Jimale, Ahmed Ali; (b) Jim'ale, Ahmad Nur Ali; (c) Jumale, Ahmed Nur; (d) Jumali, Ahmed Ali). Indirizz: PO Box 3312, id-Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Nazzjonalità: Somali. Informazzjoni oħra: professjoni: kontabilist, Mogadishu, is-Somalja" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Ali Ahmed Nur **Jim'ale** (magħruf ukoll bħala (a) Jimale, Ahmed Ali; (b) Jim'ale, Ahmad Nur Ali; (c) Jumale, Ahmed Nur; (d) Jumali, Ahmed Ali). Indirizz: P.O. Box 3312, Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Data tat-twelid: 1954; Nazzjonalità: Somali. Informazzjoni oħra: (a) Professjoni: kontabilist, Mogadishu, is-Somalja; (c) Assoċjat ma' Al-Itihaad Al-Islamiya (AIAI)."

(21) L-annotazzjoni "Abderrahmane **Kifane**. Indirizz: via S. Biagio 32 or 35 – Sant'Anastasia (NA), l-Italja. Data tat-twelid: 7.3.1963. Post tat-twelid: Casablanca, il-Marokk. Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal għoxrin xahar priġunerija fl-Italja fit-22 ta' Lulju 1995 talli pprovda sostenn lil Grupp Iżlamiku Armat (GIA)" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Abderrahmane **Kifane**. Indirizz: via S. Biagio 32 or 35, Sant'Anastasia (NA), l-Italja. Data tat-twelid: 7.3.1963. Post tat-twelid: Casablanca, il-Marokk. Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal għoxrin xahar priġunerija fl-Italja fit-22.7.1995 talli pprovda sostenn lil Grupp Iżlamiku Armat (GIA) Ikkundannat għal tliet snin u sitt xhur priġunerija mill-Qorti ta' l-Appell ta' Napli fis-16.3.2004. Skond deċiżjoni tal-Qorti Suprema, se jinżamm proċess ġdid."

(22) L-annotazzjoni "Abdelkader Laagoub. Indirizz: via Europa, 4 – Paderno Ponchielli (Cremona), l-Italja. Data tat-twelid: 23.4.1966. Post tat-twelid: Casablanca, il-Marokk. Nazzjonalità: Marokkin. Informazzjoni oħra: kodiċi fiskali Taljana LGBBLK66D23Z330U" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Abdelkader **Laagoub**. Indirizz: via Europa 4, Paderno Ponchielli (Cremona), l-Italja. Data tat-twelid: 23.4.1966. Post tat-twelid: Casablanca, il-Marokk. Nazzjonalità: Marokkin. Informazzjoni oħra: (a) Kodiċi fiskali Taljana LGBBLK66D23Z330U, (b) Misjub mhux ħati mill-Qorti ta' l-assiżi ta' Cremona fil-15.7.2006 u meħlus fl-istess jum."

(23) L-intestatura "Fazul Abdullah **Mohammed** (magħruf bħala (a) Abdalla, Fazul, (b) Abdallah, Fazul, (c) Ali, Fadel Abdallah Mohammed, (d) Fazul, Abdalla, (e) Fazul, Abdallah, (f) Fazul, Abdallah Mohammed, (g) Fazul, Haroon, (h) Fazul, Harun, (i) Haroun, Fadhil, (j) Mohammed, Fazul, (k) Mohammed, Fazul Abdilahi, (l) Mohammed, Fouad, (m) Muhamad, Fadil Abdallah, (n) Abdullah Fazhl, (o) Fazhl Haroun, (p) Fazil Haroun, (q) Faziul Abdallah, (r) Fazul Abdalahi Mohammed, (s) Haroun Fazil, (t) Harun Fazul, (u) Khan Fazhl, (v) Farun Fahdl, (w) Harun Fahdl, (x) Aisha, Abu, (y) Al Sudani, Abu Seif, (z) Haroon, (aa) Harun, (bb) Luqman, Abu (cc) Haroun). Data tat-twelid: (a) 25.8.1972, (b) 25.12.1974, (c) 25.2.1974, (d) 1976, (e) Frar 1971. Post tat-twelid: Moroni, il-Gżejjer tal-Comoros. Nazzjonalità: (a) Comoros, (b) il-Kenja" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Fazul Abdullah **Mohammed** (magħruf bħala (a) Abdalla, Fazul, (b) Abdallah, Fazul, (c) Ali, Fadel Abdallah Mohammed, (d) Fazul, Abdalla, (e) Fazul, Abdallah, (f) Fazul, Abdallah Mohammed, (g) Fazul, Haroon, (h) Fazul, Harun, (i) Haroun, Fadhil, (j) Mohammed, Fazul, (k) Mohammed, Fazul Abdilahi, (l) Mohammed, Fouad, (m) Muhamad, Fadil Abdallah, (n) Abdullah Fazhl, (o) Fazhl Haroun, (p) Fazil Haroun, (q) Faziul Abdallah, (r) Fazul Abdalahi Mohammed, (s) Haroun Fazil, (t) Harun Fazul, (u) Khan Fazhl, (v) Farun Fahdl, (w) Harun Fahdl, (x) Abdulah Mohamed Fadl, (y) Fadil Abdallah Muhammad, (z) Abdallah Muhammad Fadhul, (aa) Fedel Abdullah Mohammad Fazul, (ab) Fadl Allah Abd Allah, (ac) Haroon Fadl Abd Allah, (ad) Mohamed Fadl, (ae) Abu Aisha, (af) Abu Seif Al Sudani, (ag) Haroon, (ah) Harun, (ai) Abu Luqman, (aj) Haroun, (ak) Harun Al-Qamry, (al) Abu Al-Fazul Al-Qamari, (am) Haji Kassim Fumu, (an) Yacub). Data tat-twelid: (a) 25.8.1972, (b) 25.12.1974, (c) 25.2.1974, (d) 1976, (e) Frar 1971. Post tat-twelid: Moroni, il-Gżejjer tal-Comoros. Nazzjonalità: (a) Comoros, (b) il-Kenja. Informazzjoni oħra: (a) F'Novembru 2007 kien rappurtat li qed jopera fin-Nofsinhar tas-Somalja; (b) Rapportat li għandu passaport tal-Kenja u tal-Comoros; (d) Maħsub li kien involut fl-attakki fuq l-ambaxxati ta' l-Istati Uniti f'Nairobi u Dar es Salaam f'Awwissu 1998, u fuq attakki oħra fil-Kenja fl-2002; (d) Kien rappurtat li għamel kirurġija plastika."

(24) L-annotazzjoni "Yacine Ahmed Nacer (magħruf ukoll bħala Yacine Di Annaba). Data tat-twelid: 2.12.1967. Post tat-twelid: Annaba, l-Alġerija. Indirizz: (a) rue Mohamed Khemisti, 6 – Annaba, l-Alġerija, (b) vicolo Duchessa, 16 – Napli, l-Italja, (c) via Genova, 121 – Napli, l-Italja (domiċilju)" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Yacine Ahmed **Nacer** (magħruf ukoll bħala Yacine Di Annaba). Data tat-twelid: 2.12.1967. Post tat-twelid: Annaba, l-Alġerija. Indirizz: (a) rue Mohamed Khemisti 6, Annaba, l-Alġerija, (b) vicolo Duchessa 16, Napli, l-Italja, (c) via Genova 121, Napli, l-Italja (domiċilju). Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal ħames snin priġunerija mit-Tribunal ta' Napli fid-19.5.2005. Arrestat fi Franza fil-5.7.2005 u estradit lejn l-Italja fis-27.8.2005. Miżmum minn Settembru 2007."

(25) L-annotazzjoni "Al-Azhar Ben Khalifa Ben Ahmed **Rouine** (magħruf ukoll bħala (a) Salmane, (b) Lazhar). Indirizz: Vicolo S. Giovanni, Rimini, l-Italja. Data tat-twelid: 20.11.1975. Post tat-twelid: Sfax (it-Tuneżija). Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-Passaport: P182583 (passaport Tunżin maħruġ fit-13.9.2003 li jiskadi fit-12.9.2007)" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Al-Azhar Ben Khalifa Ben Ahmed **Rouine** (magħruf ukoll bħala (a) Salmane, (b) Lazhar). Indirizz: Vicolo S. Giovanni, Rimini, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 20.11.1975. Post tat-twelid: Sfax, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Numru tal-Passaport: P182583 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-13.9.2003, li skada fit-12.9.2007). Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal sentejn u sitt xhur priġunerija mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Milan fid-9.5.2005. Appell pendenti fil-Qorti ta' l-Appell ta' Milan f'Settembru 2007. Ħieles minn Settembru 2007."

(26) L-annotazzjoni "Ahmed Salim Swedan **Sheikh** (magħruf ukoll bħala (a) Ally, Ahmed (b) Suweidan, Sheikh Ahmad Salem, (c) Swedan, Sheikh, (d) Swedan, Sheikh Ahmed Salem, (e) Ally Ahmad, (f) Muhamed Sultan, (g) Sheik Ahmed Salim Sweden, (h) Sleyum Salum, (i) Ahmed The Tall, (j) Bahamad, (k) Bahamad, Sheik, (l) Bahamadi, Sheikh, (m) Sheikh Bahamad). Data tat-twelid: (a) 9.4.1969, (b) 9.4.1960, (c) 4.9.1969. Post tat-twelid: Mombaża, il-Kenja. Nazzjonalità: Kenjana. Passaport Nru: A163012 (passaport Kenjan). Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 8534714 (karta ta' l-identità Kenjana maħruġa fl-14.11.1996)" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Ahmed Salim Swedan **Sheikh** (magħruf ukoll bħala (a) Ally, Ahmed, (b) Suweidan, Sheikh Ahmad Salem, (c) Swedan, Sheikh, (d) Swedan, Sheikh Ahmed Salem, (e) Ally Ahmad, (f) Muhamed Sultan, (g) Sheik Ahmed Salim Sweden, (h) Sleyum Salum, (i) Sheikh Ahmed Salam, (j) Ahmed The Tall, (k) Bahamad, (l) Bahamad, Sheik, (m) Bahamadi, Sheikh, (n) Sheikh Bahamad). Titolu: Sheikh. Data tat-twelid: (a) 9.4.1969, (b) 9.4.1960, (c) 4.9.1969. Post tat-twelid: Mombaża, il-Kenja. Nazzjonalità: Kenjan. Numru tal-Passaport: A163012 (passaport Kenjan). Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 8534714 (karta ta' l-identità Kenjana maħruġa fl-14.11.1996). Informazzjoni oħra: Maħsub li kien involut fl-attakki fuq l-ambaxxati ta' l-Istati Uniti f'Nairobi u Dar es Salaam f'Awwissu 1998."

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-12 ta' Ottubru 2007**

**rigward l-Artikoli 111 u 172 ta' l-Abbozz ta' Att Polakk dwar Organiżmi Modifikati Ġenetikament, innotifikati mir-Repubblika tal-Polonja skond l-Artikoli 95(5) tat-Trattat tal-KE bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4697)*

**(It-test bil-Pollakk biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/62/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95(5) u (6) tiegħu,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

(1) L-Artikolu 95(5) u (6), l-ewwel linja tat-Trattat jipprovdi:

"5. (…) jekk wara l-adozzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali bbażati fuq prova xjentifika ġdida li għandha x'taqsam mal-ħarisen ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol fuq il-bażi ta' xi problema speċifika għal dak l-Istat Membru li toriġina mill-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet li jkollu l-ħsieb jintroduċi kif ukoll bil-bażi għall-introduzzjoni tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifika msemmija fil-paragrafi (…) u 5, tapprova jew tiċħad id-dispożizzjonijiet nazzjonali involuti, wara li tkun ivverifikat jekk humiex jew mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u jekk joħolqux jew le ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern."

(2) F'ittra li ġġib id-data tat-13 ta' April 2007, ir-Rappreżentazzjoni Permanenti Polakka ta' l-Unjoni Ewropea nnotifikat lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE, dwar l-Artikoli 111 u 172 ta' abbozz ta' Att dwar Organiżmi Modifikati Ġenetikament, b'deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (minn hawn 'il quddiem: "Id-Direttiva 2001/18/KE").

(3) B'ittra tad-9 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Polakki li kienet irċieviet in-notifika skond l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE u li l-perjodu ta' sitt xhur biex tiġi eżaminata skond l-Artikolu 95(6) kien beda wara din in-notifika.

(4) Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll avviż fir-rigward tat-talba fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2] sabiex tinforma lill-partijiet l-oħrajn interessati dwar l-abbozz tal-miżuri nazzjonali li l-Polonja kienet biħsiebha tadotta. [3].

[1] ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24).
[2] ĠU C 173, 26.7.2007, p. 8.
[3] Intbagħtu kummenti mill-Latvja, l-EwropaBijo, l-Assoċjazzjoni Ewropea taż-Żrieragħ u l-Greenpeace. Barra minn hekk intbagħtu wkoll kummenti minn diversi individwi, assoċjazzjonijiet u istituzzjonijiet professjonali mill-Polonja.

## 2. LEĠIŻLAZZJONI KOMUNITARJA RILEVANTI

### 2.1. Id-Direttiva 2001/18/KE dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament

(5) Id-Diretttiva hija bbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE. Għandha l-għan li tqarreb il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri fl-Istati Membri għall-awtorizzazzjoni ta' OMĠ maħsuba għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent. Skond l-Artikolu 34 tagħha, l-Istati Membri kienu mitluba jittrasponuha f'liġi nazzjonali sas-17 ta' Ottubru 2002.

(6) Id-Direttiva tistabbilixxi b'pass pass proċess ta' approvazzjoni fuq valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, fuq każ b'każ, qabel ma kwalunkwe OMĠ jew prodott li huwa magħmul minn jew li fih OMĠ jew mikroorganiżmi modifikati ġenetikament (MOMĠ) jista' jiġi rrilixxat fl-ambjent jew jitqiegħed fis-suq. Id-Direttiva tipprovdi għal żewġ proċeduri differenti, għal rilaxxi sperimentali (imsejħa rilaxxi tal-Parti B) u għal tqegħid fis-suq ta' rilaxxi (imsejħa rilaxxi tal-Parti Ċ). Ir-rilaxxi tal-Parti B jeħtieġu awtorizzazzjoni fuq livell nazzjonali, waqt li r-rilaxxi tal-Parti Ċ huma suġġetti għal proċedura Komunitarja, b'deċiżjoni eventwali li tkun valida fl-Unjoni Ewropea kollha. Id-Direttiva tipprovdi għat-tqegħid fuq is-suq u r-rilaxx sperimentali fl-ambjent ta' annimali tranżġeniċi abbażi tal-fatt li huma kklassifikati bħala OMĠ. Filwaqt li ebda annimali jew ħut tranżġeniċi għadhom ma ġew approvati għal dawn l-għanijiet, id-Direttiva ma tipprovdix għal din il-possibbiltà. Flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzzjoni, l-Artikolu 23 tad-Direttiva fih "klawżola ta' salvagwardja". Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jipprevedu l-aktar li "fejn Stat Membru, b'riżultat ta' informazzjoni ġdida jew addizjonali li ssir disponibbli mid-data tal-kunsens u taffettwa l-valutazzjoni ta' riskju ambjentali jew il-valutazzjoni mill-ġdid ta' informazzjoni eżistenti abbażi ta' għarfien xjentifiku ġdid jew addizzjonali, għandu raġunijiet dettaljati biex jikkunsidra li OMĠ bħala jew fi prodott li ġie proprjament notifikat u rċieva kunsens bil-miktub skond din id-Direttiva jikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, dak l-Istat Membru jista' proviżorjament jirrestrinġi jew jipprojbixxi l-użu u/jew il-bejgħ ta' dak l-OMĠ bħala jew fi prodott fit-territorju tiegħu". Barra minn hekk, f'każ ta' riskju serju, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri ta' emerġenza, bħas-sospensjoni jew it-terminazzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' OMĠ u għandhom jinfurmaw il-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni meħuda abbażi l-Artikolu 23, kif ukoll ir-raġunijiet għax ħadu dik id-deċiżjoni. Abbażi ta' dan, għandha tittieħed deċiżjoni fuq livell Komunitarju dwar il-klawżola ta' salvagwardja invokata, skond il-proċedura prevista taħt l-Artikolu 30(2) tad-Direttiva 2001/18/KE.

### 2.2. Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament

(7) Skond l-Artikolu 1 tiegħu, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament [1] (minn hawn 'il quddiem "Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003") għandu l-għan li: (a) jipprovdi l-bażi biex jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-ħajja u s-saħħa umana, is-saħħa u t-trattament xieraq ta' l-annimali, l-ambjent u l-interessi tal-konsumaturi fir-rigward ta' ikel u għalf modifikati ġenetikament, waqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern; (b) jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' ikel u għalf modifikati ġenetikament; u (ċ) jistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tikkjettar ta' l-ikel u l-għalf modifikati ġenetikament. Meta jitqiesu dawn l-għanijiet differenti, dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-Artikoli 37, 95 u 152, il-paragrafu 4, il-punt b), tat-Trattat tal-KE. Dan ir-Regolament japplika għal OMĠ fl-użu ta' ikel u għalf, ikel jew għalf li fih jew li jikkonsisti minn OMĠ u ikel u għalf prodott minn jew li fih ingredjenti prodotti minn OMĠ. Kif imsemmi fil-premessa 11 ta' dan ir-Regolament, tista' wkoll tingħata awtorizzazzjoni biex jintuża OMĠ bħala materjal ta' sors għall-produzzjoni ta' l-ikel u l-għalf.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-awtorizzazzjoni ta' OMĠ (l-Artikoli 3 sa 7 għal ikel modifikat ġenetikament u l-Artikoli 15 sa 19 għal għalf modifikat ġenetikament). Kwalunkwe applikazzjoni għandha jkollha dokument li jagħti l-informazzjoni meħtieġa skond l-Annessi III u IV tad-Direttiva 2001/18/KE u l-informazzjoni u l-konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skond il-prinċipji stipulati fl-Anness II tad-Direttiva [Artikoli 5(5)(a) u 17(5)(a]. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza ta' l-Ikel (EFSA) tagħti l-opinjoni tagħha dwar kull awtorizzazzjoni (Artikoli 6 u 18). Fil-każ ta' OMĠ li jintużaw bħala żrieragħ jew materjali oħra ta' propogazzjoni tal-pjanti, u li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament, l-Artikoli 6(3)(ċ) 18(3)(ċ) jeħtieġu li l-EFSA tiddelega l-valutazzjoni ta' riskju ambjentali lil awtorità nazzjonali kompetenti. L-Artikolu 8 tar-Regolament jistipula regoli applikabbli għal "prodotti eżistenti" definiti bħala prodotti ta' l-ikel

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1. Ir-Regolament emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 99).

imqiegħda fis-suq skond id-Direttiva tal-Kunsill [1] 90/220/KEE qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 258/97 [2] jew skond id-dispożizzjonijiet msemmija fir-Regolament (KE) Nru 258/97 jew prodotti oħra li tqiegħdu fis-suq legalment qabel ma beda japplika dan ir-Regolament, u li l-operaturi responsabbli għat-tqegħid fis-suq tagħhom ikunu nfurmaw lill-Kummissjoni dwarhom fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament illi l-prodotti tqiegħdu fis-suq Komunitarju qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Skond l-istess Artikolu 8, dawn il-prodotti jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq, jintużaw u jiġu pproċessati taħt ċerti kundizzjonijiet. L-Artikolu 20 tar-Regolament jistipula l-istess proċedura għal prodotti ta' l-ikel li ġew awtorizzati taħt id-Direttivi 90/220/KEE jew 2001/18/KE, inkluż l-użu bħala għalf, taħt id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE [3], li huma prodotti minn OMĠ, jew taħt id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE [4], li jkun fihom, jikkonsistu fi jew huma prodotti minn OMĠ. Fi żmien sena mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u wara li jkun verifikat li l-informazzjoni kollha meħtieġa tkun ġiet sottomessa u eżaminata, il-prodotti inkwistjoni għandhom jitniżżlu fir-Reġistru Komunitarju ta' l-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament ("Ir-Reġistru").

## 3. DISPOŻIZZJONIJIET NAZZJONALI NOTIFIKATI

### 3.1. L-ambitu tad-dispożizzjoniet nazzjonali notifikati

(9) Il-Polonja hemżet kull dispożizzjoni ta' l-abbozz ta' Att man-notifika tagħha. Minkejja dan, skond in-nota ta' spjegazzjoni mibgħuta mill-Polonja, id-deroga tad-Direttiva 2001/18/KE għandha tikkonċerna biss l-Artikoli 111(2) (5,6) tal-Parti IV ta' l-abbozz ta' Att, li jikkonċernaw ir-rilaxx intenzjonat ta' OMĠ għal skopijiet sperimentali, u l-Artikolu 172 tiegħu. Għaldaqstant, il-valutazzjoni fid-deċiżjoni attwali se tkun limitata għal dawk id-dispożizzjoijiet, mingħajr preġudizzju għal proċeduri oħra uffiċjali li għandhom eventwalment jivvalutaw il-konformità tal-bqija ta' l-Att - inkluż id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' l-Artikolu 111 - mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

#### 3.1.1. *L-Artikolu 111 (rilaxxi intenzjonati għal skopijiet sperimentali)*

(10) L-Artikolu 111 jistipula l-kontenut ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' deċiżjoni għar-rilaxx intenzjonat ta' OMĠ. Skond l-Artikolu 111(1): "Applikazzjoni għall-ħruġ ta' deċiżjoni rigward rilaxx intenzjonat għandu jkun fiha".

Skond l-Artikolu 111(2): "Applikazzjoni għall-ħruġ ta' deċiżjoni rigward xi rilaxx intenzjonat għandu jkun hemm mehmuż magħha dan li ġej".

(1) valutazzjoni tar-riskju ppreparata għall-organiżmi modifikati ġenetikament li ser jiġu rilaxxati (…);

(2) dokumentazzjoni dwar il-preparazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju (…);

(3) dokumentazzjoni teknika tar-rilaxx intenzjonat;

(4) programm ta' azzjoni fil-każ ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew għas-sikurezza ambjentali assoċjata mar-rilaxx intenzjonat;

(5) ċertifikat mis-sindku tal-muniċipalità, lokalità jew belt li fil-pjan lokali għal-iżvilupp spazjali, isir provvediment għall-possibbiltà ta' rilaxx intenzjonat, fir-rigward tal-ħtieġa li jitħares l-ambjent, in-natura u l-pajsaġġ kulturali lokali taż-żona involuta;

(6) dikjarazzjoni bil-miktub minn dawk li għandhom l-azjendi qrib il-post tar-rilaxx intenzjonat li ma għandhomx oġġezzjoni għar-rilaxx;

(7) kopja, irreġistrata għand Nutar, tal-kuntratt tar-rilaxx intenzjonat (…);

(8) sinteżi ta' l-applikazzjoni.

#### 3.1.2. *L-Artikolu 172 (l-istabbiliment ta' żoni speċjali għall-koltivazzjoni ta' l-OMĠ)*

(11) L-Artikolu 172 jistipula:

"1. Għandha tkun ipprojbita l-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

---

[1] ĠU L 117, 8.5.1990, p. 15. Id-Direttiva mħassra bid-Direttiva 2001/18/KE.

[2] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1. Ir-Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[3] ĠU L 213, 21.7.1982, p. 8. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/116/KE (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 81).

[4] ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1800/2004 (ĠU L 317, 16.10.2004, p. 37).

2. Il-Ministru responsabbli mill-agrikoltura, b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli mill-ambjent, u wara li jkun ħa l-opinjoni tal-kunsill tal-muniċipalità (gmina) li fiha jkunu ser jiġu kkultivati l-pjanti modifikati ġenetikament, għandu joħroġ deċiżjoni dwar il-ħolqien ta' żona allokata għall-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament f'żona speċifika fi ħdan it-territorju tal-muniċipalità (żona magħżula għall-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament), wara li l-applikant ikun bagħat applikazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 4(21)(f) għall-ħruġ ta' deċiżjoni dwar żona allokata għall-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament.

3. Applikazzjoni għall-ħruġ ta' deċiżjoni dwar il-ħolqien ta' żona allokata għall-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament għandu jkun fiha:

(1) l-isem u l-kunjom jew l-isem u l-uffiċċju rreġistrat u l-indirizz ta' l-applikant imsemmi fl-Artikolu 4(21)(f);

(2) l-ispeċi u l-varjetà ta' pjanta modifikata ġenetikament, il-karatteristiċi li jinkisbu b'riżultat tal-modifika ġenetika u l-identifikatur uniku tagħha;

(3) in-numru tar-reġistru taż-żona li fiha l-art agrikola, fl-ambitu tar-regolamenti dwar is-sistema nazzjonali ta' żamma ta' reġistri tal-produtturi, bdiewa u applikazzjonijiet għall-għoti ta' ħlasijiet, l-erja ta' l-art agrikola f'ettari, fejn tinsab l-art agrikola fir-reġistru ta' l-art, in-numru tal-paġna tal-mappa tar-reġistrazzjoni ta' dik l-art irreġistrata, l-isem tar-reġjun irreġistrat u l-isem tal-muniċipalità u tad-distrett (*voivodship*).

4. L-applikazzjoni għandha tintbagħat bil-miktub u b'mod elettroniku.

5. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha jkollha mehmużin magħha dikjarazzjonijiet bil-miktub mis-sidien ta' l-art fi ħdan iż-żona ta' iżolament spazjali mill-art li hemm ħsieb li fiha jiġu kkultivati pjanti modifikati ġenetikament, li ma għandhom ebda oġġezzjoni għall-intenzjoni li tinħoloq żona allokata għall-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament.

6. Kopja ta' l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' deċiżjoni dwar iż-żona allokata għall-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament għandha tintbagħat, bil-miktub u b'mod elettroniku, fi żmien ħamest ijiem mid-data li fiha tintbagħat l-applikazzjoni, mill-Ministru responsabbli mill-agrikoltura lill-:

1. Ministru responsabbli mill-ambjent;

2. lill-kunsill tal-muniċipalità li fiha ser jiġu kkultivati l-pjanti modifikati ġenetikament;

u dawn, fi żmien 45 jum mid-data li fiha ntbagħtitilhom kopja ta' l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, għandhom jibgħatu l-opinjoni tagħhom dwar il-każ, u jindikaw abbażi ta' xiex ittieħdet, lill-Ministru responsabbli mill-agrikoltura.

7. Il-Ministru responsabbli mill-ambjent għandu jibgħat lill-Ministru responsabbli mill-agrikoltura l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 6(1), wara li jieħu l-opinjoni tat-Tim imsemmi fl-Artikolu 26(4) u l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 25.

8. Il-kunsill tal-muniċipalità msemmi fil-paragrafu 6(2) għandu, immedjatament wara li jirċievi l-applikazzjoni, jagħmel disponibbli għall-pubbliku, fil-belt jew raħal li fih ser tinħoloq iż-żona, l-informazzjoni ta' l-applikazzjoni, b'mod li s-soltu ikun adottat fiż-żona involuta."

(12) Il-Polonja nnotifikat lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 172. Mingħajr preġudizzju għal proċeduri uffiċjali oħra li ser jivvalutaw il-konformità tal-bqija ta' l-Att mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, il-Kummissjoni tikkunsidra d-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 172 jidderogaw mid-Direttiva 2001/18/KE.

### 3.2. L-Impatt fuq il-leġiżlazzjoni Komunitarja tad-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati

#### 3.2.1. *L-impatt ta' l-Artikolu 111(2)(5,6)*

(13) L-ambitu tad-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati, flimkien ma' l-ispjega tan-nota ta' spjegazzjoni, jimplikaw li l-Artikolu primarjament se jkollu impatt fuq ir-rilaxx ta' OMĠ għal kwalunkwe skop ieħor minbarra t-tqegħid fis-suq (l-aktar għal esperimenti barra mil-laboratorju) skond il-Parti B (l-Artikoli 5-11) tad-Direttiva 2001/18/KE.

#### 3.2.2. *L-impatt ta' l-Artikolu 172*

(14) L-ambitu ta' l-Artikolu 172(1) ta' l-abbozz ta' Att jimplika li ġeneralment se jkollu impatt fuq:

— il-koltivazzjoni ta' varjetajiet ta' żrieragħ modifikati ġenetikament, li huma awtorizzati skond id-dispożizzjonijiet tal-parti C (Artikolu 12 sa 24) tad-Direttiva 2001/18/KE,

— Il-koltivazzjoni ta' varjetajiet ta' żrieragħ modifikati ġenetikament li diġà kienu approvati bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/220/KEE u issa notifikati bħala prodotti eżistenti skond l-Artikoli 8 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003,

— il-koltivazzjoni ta' varjetajiet ta' żrieragħ modifikati ġenetikament, li huma awtorizzati skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

4. ĠUSTIFIKAZZJONI PPREŻENTATA MILL-POLONJA

(15) Informazzjoni għall-abbozz ta' Att, li toffri interpretazzjoni dwar l-impatt ta' l-Att fuq il-leġiżlazzjoni Komunitarja, kif ukoll il-konformità magħha, hija pprovduta fin-nota ta' spjegazzjoni mressqa dwar l-abbozz ta' Att (paġni 12 u 16-17) u t-test tan-notifika (paġni 3-5).

4.1. **Ġustifikazzjonijiet imressqa għall-Artikolu 111(2)(5, 6)**

(16) Skond in-notifika Pollakka (paġni 3-4) u n-nota ta' spjegazzjoni (paġna 12), ir-raġunament li ġej jappoġġa l-eżistenza ta' "elementi relatati ma' kundizzjonijiet speċifiċi" fl-ambitu ta' l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE:

(17) Fit-tfassil tar-regoli li jikkontrollaw ir-rilaxx intenzjonat ta' organiżmi modifikati ġenetikament fl-ambjent għal skopijiet sperimentali, il-prinċipju adottat kien li ġabra ta' arranġamenti stretti kemm jista' jkun għandhom jinħolqu għall-valutazzjoni tas-sikurezza ta' speriment partikolari barra mil-laboratorju fil-kuntest tas-sikurezza tiegħu għall-ambjent. Dan huwa speċjalment importanti għaliex ir-rilaxx huwa l-ewwel stadju ta' riċerka meta dan l-organiżmu l-ġdid li huwa modifikat ġenetikament jiġi f'kuntatt ma' l-ambjent u l-esperiment isir mingħajr il-miżuri ta' protezzjoni effettivi li ssoltu jiġu applikati f'sistemi magħluqa.

(18) L-effett ta' organiżmu bħal dan fuq l-ambjent mhux magħruf u potenzjalment jista' jkun ta' ħsara (dan japplika b'mod partikolari għal organiżmi minbarra l-pjanti vaskulari li huma modifikati ġenetikament). Azzjoni bħal din għalhekk tesiġi li jinżammu kundizzjonijiet speċjali ta' sikurezza, u dan huwa skond il-prinċipju ta' prekawzjoni li japplika fl-Istati Membri ta' l-UE. Fid-dawl tar-rikkezza tal-bijodiversità fil-Polonja, l-introduzzjoni ta' organiżmi modifikati ġenetikament fl-ambjent jista' jikkawża xkiel serju għall-funzjonament tagħha.

(19) Għalhekk ġie adottat il-prinċipju suprem li għandha ssir valutazzjoni stretta kemm jista' jkun ta' l-elementi komponenti kollha ta' esperiment partikolari barra mil-laboratorju. Saret enfasi partikolari fuq il-kundizzjonijiet ambjentali (kompożizzjoni tal-ħamrija, fawna, flora, preżenza ta' speċijiet protetti, kundizzjonijiet klimatiċi, eċċ).

(20) Dawn il-proposti (jiġifieri, għall-kundizzjunar tar-rilaxx għall-approvazzjoni tas-sidien ta' l-għelieqi fil-madwar, u d-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet spazjali lokali) jimponu obbligi addizjonali fuq l-applikanti, iżda ma jeskludux ix-xogħol li jinvolvi r-rilaxx intenzjonat ta' OMĠ fl-Ambjent. L-approċċ restrittiv għall-kwistjoni tar-rilaxx hija wkoll marbuta ma' l-istruttura ta' l-agrikoltura Pollakka, li hija fost l-aktar frammentati fil-Komunità. Dan jippreżenta problema serja, mhux biss għall-koltivazzjoni kummerċjali tal-pjanti MĠ, iżda wkoll għal-lokalizzazzjoni sikura ta' l-esperimenti barra l-laboratorju.

(21) L-awtoritajiet Pollakki ma jagħmlu l-ebda referenza għal kwalunkwe evidenza xjentifika ġdida peress li ġiet adottata Direttiva dwar il-ħarsien ta' l-ambjent.

4.2. **Ġustifikazzjonijiet imressqa għall-Artikolu 172**

(22) Skond in-notifikazzjoni Pollakka (paġni 4-5) u n-nota ta' spjegazzjoni (16-17), ir-regoli dwar il-koltivazzjoni kummerċjali fid-dispożizzjonijiet nazzjonali huma bbażati b'mod partikolari fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/556/KE tat-23 ta' Lulju 2003 dwar il-linji ta' gwida għall-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali u l-aqwa prassi sabiex tiġi żgurata l-koeżistenza ta' għelejjel modifikati ġenetikament flimkien ma' prassi agrikoli konvenzjonali u organiċi ([1]).

(23) L-idea li jinħolqu żoni allokati għall-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament huwa żvilupp tal-paragrafu 3.3 ta' l-Anness tar-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq, li tirrigwarda kooperazzjoni bejn stabbilimenti agrikoli ġirien. Tqiesu wkoll il-paragrafi 2 u 3.3.2 (miżuri ta' ġestjoni koordinati), li jirrigwardaw it-tgħaqqid ta' għelieqi ta' stabbilimenti differenti għall-koltivazzjoni ta' varjetajiet ta' għelejjel simili (MĠ, konvenzjonali jew organiċi) f'żona partikolari, kif ukoll is-subparagrafu 3.3.3. dwar ftehimiet volontarji fost il-bdiewa dwar żoni ta' tip ta' produzzjoni uniku.

(24) Skond l-abbozz ta' att, il-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament għandu jkun limitat għal żoni li ma fihomx elementi ta' valur mil-lat ta' konservazzjoni naturali u li l-istruttura agrarja tagħhom tippermetti l-koltivazzjoni sikura tal-pjanti tranżġeniċi, mingħajr ma tagħmel ħsara lill-operat ta' bdiewa oħra.

([1]) ĠU L 189, 29.7.2003, p. 36.

(25) Ir-regolament proposti fl-abbozz ta' att jippermetti t-tnaqqis kemm jista' jkun tar-riskju assoċjat mat-taħlit ta' materjal riproduttiv jew it-taħlit ta' pjanti modifikati ġenetikament ma' pjanti mhux modifikati ġenetikament, u jippermettu li l-għelejjel modifikati ġenetikament jiġu spezzjonati.

(26) Raġuni għall-introduzzjoni ta' derogi fid-dispożizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tar-restrizzjoni tal-koltivazzjoni ta' pjanti tranżġeniċi, hija l-ħtieġa li jiġu sodisfatti l-aspettativi tas-soċjetà Pollakka. Dispożizzjonijiet li jirrestringu l-koltivazzjoni ta' pjanti MĠ għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħsara possibbli li tista' tirriżulta li kieku t-tranżġeni jitħalltu ma' għelejjel konvenzjonali. Tħassib dwar il-koltivazzjoni ta' pjanti MĠ huwa l-aktar assoċjati ma' l-impossibbiltà li jiġi eliminat għal kollox ir-riskju ta' kontaminazzjoni ta' l-għelejjel mit-taħlit li jista' jsir. Dan jirriżulta mill-fatt li l-agrikoltura Pollakka hija frammentata ħafna. Il-Polonja għandha kważi żewġ miljun stabbiliment agrikolu, u l-erja medja ta' kull wieħed minnhom hija anqas minn 8 ettari. L-agrikoltura Pollakka hija karatterizzata mis-sistema ta' produzzjoni konvenzjonali, u jeżisti wkoll interess li qed jikber fil-produzzjoni organika. Fid-dawl ta' dan il-livell għoli ta' frammentazzjoni, mhux possibbli li l-għelejjel MĠ jiġu iżolati minn għelejjel konvenzjali u organiċi, u dan jista' jkun ukoll ta' riskju serju għall-biedja organika li qed tiżviluppa fil-Polonja. F'din is-sitwazzjoni, l-introduzzjoni mhux kontrollata ta' pjanti tranżġeniċi fil-koltivazzjoni tista' twassal għal ċertu telf għall-bdiewa.

(27) Il-fatt li l-bdiewa Pollakki qed isibuha bi tqila huwa ggravat min-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar il-kumpens għat-telf agrikolu li jirriżulta mit-taħlit mhux kontrollat tal-varjetajiet. Fil-preżent, ma jeżistux dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-koeżistenza ta' tliet forom ta' agrikoltura - dik konvenzjonali, dik organika u dik li tuża l-pjanti tranżġeniċi - l-abbozz tad-dispożizzjonijiet huwa l-ewwel pass li qatt sar biex din il-kwistjoni tiġi rregolata.

(28) L-awtoritajiet Pollakki ma jagħmlu l-ebda referenza għal kwalunkwe evidenza xjentifika ġdida peress li ġiet adottata Direttiva dwar il-ħarsien ta' l-ambjent.

## 5. VALUTAZZJONI ĠURIDIKA

(29) L-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE japplika għal miżuri nazzjonali ġodda, li jintroduċu rekwiżiti inkompatibbli ma' dawk ta' miżura ta' armonizzazzjoni Komunitarja fuq il-bażi tal-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol, minħabba li problema speċifika għal dak l-Istat Membru li tirriżulta wara l-adozzjoni tal-miżura ta' armonazzjoni u li huma ġustifikati minn evidenza xjentifika ġdida.

(30) Barra minn hekk, skond l-Artikolu 95(6) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni għandha, tapprova jew tiċħad l-abbozz tad-dispożizzjonijiet nazzjonali involuti wara li tkun ivverifikat jekk humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja inkella restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jew le u jekk humiex ta' xkiel għall-ħidma tas-suq intern.

(31) In-notifika mressqa mill-awtoritajiet Pollakki fit-13 ta' April 2007 hija maħsuba biex tinkiseb l-approvazzjoni għall-introduzzjoni ta' l-Aritkoli l-ġodda 111(2) (5, 6) u 172 ta' l-Att, li l-Polonja tqis li huwa deroga mid-Direttiva 2001/18/KE.

(32) Il-Polonja ressqet din in-notifika bħala deroga mid-Direttiva 2001/18/KE biss. Għalhekk il-valutazzjoni ġuridika f'din id-Deċiżjoni se tiffoka biss fuq id-Direttiva 2001/18/KE.

(33) Id-Direttiva 2001/18/KE tarmonizza fuq il-livell Komunitarju, ir-regoli rigward ir-rilaxx intenzjonat ta' l-OMĠ, għar-rilaxx sperimentali jew għat-tqegħid fis-suq. Din il-leġiżlazzjoni orizzontali tista' titqies bħala l-bażi għal kwalunkwe rilaxx intenzjonat ta' OMĠ fl-ambjent fl-Unjoni Ewropea, notevolment peress li l-awtorizzazzjonijiet skond il-leġiżlazzjoni għall-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament (ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003) jinħarġu wkoll f'konformità mal-prinċipji regolatorji tagħha.

(34) Meta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18/KE jitqabblu mal-miżuri nazzjonali notifikati, jirriżulta li dawn ta' l-aħħar huma aktar restrittivi minn dawk li jinsabu fid-Direttiva, partikolarment fl-aspetti li ġejjin:

— skond id-dispożizzjonijiet tal-Parti B tad-Direttiva 2001/18/KE, ir-rilaxx sperimentali ta' l-OMĠ mhux soġġett għall-approvazzjoni ta' kwalunkwe parti terza (bħal bdiewa ġirien, kif stipulat mill-abbozz ta' Att Pollakk) u kwalunkwe awtoritajiet oħra minbarra l-Awtoritajiet Kompetenti nnominati skond l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva (bħal muniċipalitajiet lokali, kif stipulat mill-abbozz ta' Att Pollakk),

— Id-Direttiva 2001/18/KE, tippermetti ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' żrieragħ modifikati ġenetikament li huma approvati fil-Komunità. L-Artikoli 13-18 tad-Direttiva jistabbilixxu proċedura ta' awtorizzazzjoni li tinkludi l-valutazzjoni ta' kull notifika individwali għall-OMĠ mill-awtoritajiet kompetenti u, f'ċerti ċirkostanzi, l-awtorizzazzjoni permezz tal-proċedura tal-Kumitat ta' l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE ([1]). Skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva ("Kunsens") "(…) jekk biss ingħata kunsens (approvazzjoni) bil-miktub għat-tpoġġija fis-suq ta' OMĠ bħal jew fi prodott jista' dak il-prodott jiġi użat mingħajr notifika ulterjuri fil-Komunità sakemm il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' użu u ambjenti u/jew żoni ġeografiċi stipulati f'dawn il-kundizzjonijiet jiġu strettament segwiti." Barra minn hekk, l-Artikolu 22 tad-Direttiva ("Ċirkolazzjoni libera") jistipula li "mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, l-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jirrifjutaw it-tpoġġija fis-suq ta' GMOs (OMĠ), bħal jew fi prodotti, li josservaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva."

rregolati mid-Direttiva 2001/18/KE avolja dan fuq livell nazzjonali aktar milli l-livell Komunitarju. Skond l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva ("Proċedura ta' awtoriżżazjoni standard") in-notifika ta' kull rilaxx sperimentali ta' l-OMĠ titressaq lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu se jsir ir-rilaxx. Skond l-Artikolu 6(8), in-notifikant jista' jipproċedi bir-rilaxx biss meta jkun irċieva l-kunsens bil-miktub ta' l-awtorità kompetenti, u konformi ma' kwalunkwe kundizzjonijiet rikjesti f'dan il-kunsens. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' l-abbozz ta' Att notifikat, li jistabbilixxi rekwiżiti amministrattivi addizzjonali għall-awtorizzazzjoni ta' rilaxxi bħal dawn, bħaċ-ċertifikazzjonijiet tas-sindku u dikjarazzjonijiet mill-bdiewa ġirien li ma joġġezzjonawx għar-rilaxxi, ikun xi jkun ir-riskju potenzjali, għandhom jitqiesu bħala kontradittorji għad-Direttiva.

(35) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jekk OMĠ jirċievi l-approvazzjoni għall-koltivazzjoni fl-UE skond proċedura prevista fid-Direttiva 2001/18/KE, l-Istati Membri ma jistgħux jintroduċu restrizzjonijiet addizzjonali għall-koltivazzjoni tagħha. Madankollu, l-Att Pollakk jipprojbixxi l-koltivazzjoni tagħhom sakemm mhux allokati għal żoni speċifiċi, ukoll jekk l-ebda restrizzjoni bħal din ma hi stabbilita bl-approvazzjoni bil-miktub mahruġa skond id-Direttiva.

(36) Id-Direttiva 2001/18/KE hija affettwata, peress li l-abbozz ta' att jirrestrinġi l-koltivazzjoni ta' l-OMĠ kollha fil-Polonja, filwaqt li d-Direttiva (l-Artikoli 13-18) tipprevedi proċedura li tipprovdi, fuq il-livell tal-KE, analiżi tar-riskju każ b'każ, qabel l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid ta' OMĠ fis-suq.

(37) Ir-restrizzjonijiet proposti tal-koltivazzjoni ta' żrieragħ modifikati ġenetikament fil-Polonja joħolqu wkoll ostaklu għat-tqegħid fis-suq ta' żrieragħ modifikati ġenetikament li kienu jiġu awtorizzati għal dan il-għan skond id-Direttiva 2001/18/KE. L-abbozz ta' Att għalhekk, ikollu implikazzjoni għal żrieragħ modifikati ġenetikament diġà approvati għat-tqegħid fis-suq taħt il-leġiżlazzjoni Komunitarja kif ukoll approvazzjonijiet fil-ġejjieni.

(38) L-Artikolu 111(2)(5, 6) ta' l-abboz ta' Att Pollakk huwa maħsub għar-restrizzjoni tal-koltivazzjoni ta' żrieragħ modifikati ġenetikament għal rilaxxi sperimentali. Rilaxxi sperimentali ta' żrieragħ modifikati ġenetikament huma

(39) L-Artikolu 172(1) jipprojbixxi l-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, jiġifieri l-allokazzjoni ta' żoni speċifiċi mill-Ministeru ta' l-Agrikoltura. Din il-projbizzjoni ġenerali hija fi ksur ta' l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2001/18/KE, li tistipula li jekk ikun ngħata kunsens għat-tqegħid ta' OMĠ fis-suq, bħala prodott jew fi prodott, dak il-prodott jista' jintuża mingħajr notifika ulterjuri fil-Komunità sakemm il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' użu u ambjenti u/jew żoni ġeografiċi stipulati f'dawn il-kundizzjonijiet jiġu segwiti strettament. Barra minn hekk, il-projbizzjoni ġenerali ta' l-abbozz ta' Att Pollakk, huwa fi ksur ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva li jistipula li l-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jirrifjutaw it-tpoġġija fis-suq ta' GMOs (OMĠ), bħala prodotti jew fi prodotti, li josservaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

(40) Fl-aħħarnett, skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2001/18/KE, jekk, fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida, li ssir disponibbli mid-data tal-kunsens Stat Membru jkollu raġunijiet dettaljati biex jikkunsidra li OMĠ, bħala prodott jew fi prodott li ġie notifikat kif jixraq u rċieva kunsens bil-miktub skond din id-Direttiva 2001/18/KE jikkostitwixxi riskju lis-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, dak l-Istat Membru jista' proviżorjament jirrestrinġi jew jipprojbixxi l-użu u/jew bejgħ ta' dak l-OMĠ bħala prodott jew fil-prodotti fit-territorju tiegħu. Din id-dispożizzjoni tindika li l-koltivazzjoni ta' OMĠ tista' tkun ipprojbita biss fuq il-bażi ta' każ b'każ u f'kundizzjonijiet partikolari (tagħrif ġdid li jsir disponibbli mid-data tal-kunsens), mingħajr ma tiġi pprovduta l-bażi għal kwalunkwe Stat Membru sabiex tiġi adotatta projbizzjoni ġenerali fuq il-koltivazzjoni jew kwalunkwe użu ieħor ta' l-OMĠ.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(41) Minn dan ta' hawn fuq jirriżulta li, kif spjegaw l-awtoritajiet Pollakki fin-notifika tagħhom, l-Artikoli 111(2) (5, 6) u 172 ma humiex kompatibbli mad-Direttiva 2001/18/KE. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma hemm l-ebda ħtieġa biex jiġu eżaminati aktar skond leġiżlazzjoni Komunitarja oħra u b'mod partikolari skond ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni. Madankollu, il-valutazzjoni skond id-Direttiva 2001/18/KE mhijiex se tippreġudika l-valutazzjoni dwar il-konformità ta' l-abbozz ta' Att notifikat ma' partijiet oħra tal-liġi tal-Komunità, u speċjalment ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fil-kuntest ta' proċeduri oħra tal-KE.

(42) L-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE jipprovdi eċċezzjoni għall-prinċipji ta' l-applikazzjoni uniformi tal-liġi Komunitarja u l-unità tas-suq. Skond il-każistika tal-Qorti, kwalunkwe eċċezzjoni għall-prinċipju ta' l-applikazzjoni uniformi tal-liġi Komunitarja u l-unità tas-suq intern, għandha tiġi interpretata strettament. Għalhekk, l-eċċezzjoni prevista mill-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE trid tiġi interpretata b'tali mod li l-ambitu tagħha ma jiġix estiż lil hinn mill-każijiet li għalihom tipprovdi.

(43) Fid-dawl tal-limitu ta' żmien stabbilit mill-Artikolu 95(6) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni, meta teżamina jekk l-abbozzi tal-miżuri nazzjonali notifikati skond l-Artikolu 95(5) humiex iġġustifikati, għandha tieħu bħala bażi "r-raġunijiet" imressqa mill-Istat Membru. Dan ifisser li skond it-Trattat, ir-responsabbiltà biex jiġi ppruvat li dawn il-miżuri huma ġustifikati hija ta' l-Istat Membru li jressaq it-talba. Minħabba l-qafas proċedurali stabbilit mill-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE, inkluża b'mod partikolari d-data ta' skadenza stretta għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni, il-Kummissjoni normalment ikollha tillimita ruħha li teżamina r-rilevanza tal-punti li huma ppreżentati mill-Istat Membru li jkun għamel it-talba, mingħajr ma jkollha tfittex hija nfisha ġustifikazzjonijiet possibbli.

(44) Barra minn hekk, u minħabba n-natura eċċezzjonali tal-miżura nazzjonali kkonċernata, ir-responsabbiltà biex tiġi ppruvata l-eżistenza ta' rekwiżiti li jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' miżura bħal din skond l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE, hija ta' l-Istat Membru li jinnotifika l-miżura.

(45) L-Artikolu 95(5) tat-Trattat jesiġi li meta Stat Membru jqis li tkun meħtieġa l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijeit nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati skond il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin [1].

— evidenza xjentifika ġdida,

— għal raġunijiet ta' ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol,

— minħabba problema speċifika għal dak l-Istat Membru,

— minħabba l-adozzjoni tal-miżura ta' armonizzazzjoni.

(46) Għalhekk, skond l-Artikolu msemmi hawn fuq, l-introduzzjoni ta' miżuri nazzjonali li mhumiex kompatibbli ma' miżura Komunitarja ta' armonizzazzjoni, jeħtieġ l-ewwelnett li tkun ġustifikata minn evidenza xjentifika ġdida li tirrigwarda l-ħarsien ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol.

(47) Kif jirriżulta mill-paragrafu 45 ta' din id-Deċiżjoni, huwa f'idejn l-Istat Membru li jkun talab għal deroga, li jipprovdi evidenza xjentifika ġdida b'appoġġ tal-miżura notifikata.

(48) Il-ġustifikazzjonijiet imressqa mill-Polonja (test tan-notifika, paġni 3-5) huma li:

— l-inċertezza fl-ewwel stadju tar-riċerka meta l-organiżmu l-ġdid modifikat ġenetikament jiġi f'kuntatt ma' l-ambjent, meta l-effett ta' organiżmu modifikat ġenetikament bħal dan fuq l-ambjent ma jkunx magħruf u potenzjalment ikun ta' ħsara,

— il-ħtieġa li tiġi limitata l-koltivazzjoni ta' pjanti modifikati ġenetikament għal żoni li ma fihomx elementi ta' valur mil-lat ta' konservazzjoni naturali u li l-istruttura agrarja tagħhom tippermetti l-koltivazzjoni sikura tal-pjanti tranżġeniċi, mingħajr ma tagħmel ħsara lill-operat ta' bdiewa oħra,

— il-ħtieġa li jiġi sodisfatti l-aspettattivi tas-soċjetà Pollakka, filwaqt li tħassib dwar il-koltivazzjoni ta' pjanti MĠ huwa l-aktar assoċjat ma' l-impossibbiltà li jiġi eliminat għal kollox ir-riskju tal-kontaminazzjoni ta' l-għelejjel mit-taħlit,

— livell għoli ta' frammentazzjoni tal-biedja Pollakka, fejn mhux possibbli li l-għelejjel MĠ jiġu iżolati minn għelejjel konvenzjonali u organiċi, u dan jista' wkoll jippreżenta r-riskju ta' l-introduzzjoni mhux kontrollata tal-pjanti tranżġeniċi fil-koltivazzjoni li twassal għal telf għall-bdiewa,

[1] Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, C-439/05 P u C-454/05 P, paragrafi 56 sa 58.

— il-fatt li l-bdiewa Pollakki jżommu lura mill-koltivazzjoni ta’ l-OMĠ, speċjalment minħabba n-nuqqas ta’ dispożizzjonijiet dwar il-kumpens għal telf agrikolu li jista’ jirriżulta mit-taħlit mhux kontrollat tal-varjetajiet, filwaqt li fil-preżent ma jeżistux dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-koeżistenza tat-tliet forom ta’ agrikoltura (konvenzjonali, organika u dik marbuta malpjanti tranżġeniċi).

(49) Mill-ġustifikazzjonijiet imressqa mill-Polonja, jirriżulta li l-awtoritajiet Pollakki ma jagħmlu l-ebda referenza għal kwalunkwe informazzjoni ġdida marbuta mal-ħarsien ta’ l-ambjent fin-notifika tagħhom jew fin-nota ta’ spjegazzjoni li takkumpanjaha. Il-ġustifikazzjonijiet tagħhom jirrigwardaw kwistjonijiet usa’ bħall-inċertezza fl-ewwel stadju tar-riċerka, il-konservazzjoni tan-natura u l-kwistjoni tar-responsabbiltà. Ma hemm l-ebda referenza għal kwalunkwe studji xjentifiċi ġodda, riċerki, letteratura jew kwalunkwe sejbiet possibbli li setgħu ħarġu wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2001/18/KE u evidenza ġdida li tirrigwarda l-ħarsien ta’ l-ambjent jew l-ambjent tax-xogħol.

(50) F’dawk iċ-ċirkostanzi, fl-assenza ta’ element xjentifiku ġdid, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda raġuni biex tressaq in-notifika lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza ta’ l-Ikel, EFSA u titlobha l-opinjoni, skond l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2001/18/KE.

(51) Minħabba l-fatt li t-tressiq ta’ evidenza xjentifika ġdida tikkostitwixxi kundizzjoni kumulattiva biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta’ l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE, in-nuqqas tagħha għandha bħala konsengwenza iċ-ċaħda tan-notifika mingħajr il-ħtieġa ta’ eżaminar ulterjuri dwar jekk kundizzjonijiet oħra ġewx sodisfatti.

## 6. **KONKLUŻJONI**

(52) L-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE jesiġi li, jekk Stat Membri jqis li tkun meħtieġa l-introduzzjoni ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali b’deroga mill-miżuri Komunitarji ta’ l-armonizzazzjoni, id-dispożizzjonijiet nazzjonali jridu jkunu ġustifikati minn evidenza xjentifika ġdida li tirrigwarda l-ħarsien ta’ l-ambjent jew ta’ l-ambjent tax-xogħol, irid ikun hemm problema speċifika għall-Istat Membru li jressaq it-talba, u l-problema trid tkun qamet wara l-adozzjoni tal-miżura ta’ armonizzazzjoni.

(53) In-notifika Pollakka ma tipprovdi l-ebda evidenza xjentifika ġdida dwar il-ħarsien ta’ l-ambjent jew ta’ l-ambjent tax-xogħol, li setgħu irriżultaw wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2001/18/KE, dwar ir-rilaxx intenzjonat ta’ ĠMOs fl-ambjent, u li tinneċessita l-introduzzjoni tal-miżuri nazzjonali notifikati.

(54) B’konsegwenza, it-talba mill-Polonja għall-introduzzjoni ta’ l-Artikoli 111(2) (5, 6) u 172 immirata lejn id-derogar mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18/KE dwar ir-rilaxx sperimentali u l-koltivazzjoni ta’ l-OMĠ fil-Polonja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 95(5).

(55) Fid-dawl ta’ l-elementi li kienu għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tivvaluta l-merti tal-ġustifikazzjonijiet imressqa għall-miżuri nazzjonali notifikati, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li t-talba tal-Polonja biex tintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw mid-Direttiva 2001/18/KE, imressqa fit-13 ta’ April 2007, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet ta’ l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE, peress li l-Polonja ma pprovdietx evidenza xjentifika ġdida marbuta mal-ħarisen ta’ l-ambjent jew ta’ l-ambjent tax-xogħol minħabba problema speċifika għall-Polonja.

(56) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li d-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati ma jistgħux jiġu approvati skond l-Artikolu 95(6) tat-Trattat.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikoli 111(2)(5, 6) u 172 ta’ l-abbozz ta’ Liġi dwar l-Organiżmi Modifikati Ġenetikament notifikati mill-Polonja skond l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE, huma miċħuda.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmula fi Brussell, 12 ta’ Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-20 ta' Diċembru 2007

## li temenda d-Deċiżjonijiet 2002/231/KE, 2002/255/KE, 2002/272/KE, 2002/371/KE, 2003/200//KE u 2003/287/KE sabiex ittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja għal ċerti prodotti

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6800)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/63/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord ta' l-Ittikkettjar Ekoloġiku ta' l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/231/KE tat-18 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti sabiex tingħata l-ekotikketta Komunitarja lix-xedd tar-riġel u li temenda d-Deċiżjoni 1999/179/KE ([2]) tiskadi fil-31 ta' Marzu 2008.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/255/KE tal-25 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi sabiex tingħata l-ekotikketta Komunitarja lit-televiżjonijiet ([3]) tiskadi fil-31 ta' Marzu 2008.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/272/KE tal-25 ta' Marzu 2002 li tistabilixxi l-kriterji sabiex tingħata l-ekotikketta Komunitarja lill-kisi iebes ta' l-art ([4]) tiskadi fil-31 ta' Marzu 2008.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/371/KE tal-15 ta' Mejju 2002 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja lill-prodotti tessili u li temenda d-Deċiżjoni 1999/178/KE ([5]) tiskadi fil-31 ta' Mejju 2008.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/200/KE ta' l-14 ta' Frar 2003 li tistabilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja għal deterġenti tal-londri u li temenda d-Deċiżjoni 1999/476/KE ([6]) tiskadi fid-29 ta' Frar 2008.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/287/KE ta' l-14 ta' April 2003 li tistabilixxi l-kriterji ekoloġiċi sabiex tingħata l-ekotikketta Komunitarja lis-servizz ta' l-akkommodazzjoni turistika ([7]) tiskadi fit-30 ta' April 2008.

(7) B'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1980/2000, saret reviżjoni f'waqtha tal-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll tar-rekwiżiti korrispondenti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, stabbiliti minn dawk id-Deċiżjonijiet.

(8) Minħabba l-istadji differenti tal-proċess ta' reviżjoni għal dawn id-Deċiżjonijiet huwa xieraq li jittawwal il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti tad-Deċiżjoni 2002/255/KE u d-Deċiżjoni 2002/371/KE għal perjodu ta' 12-il xahar, id-Deċiżjoni 2003/287/KE għal perjodu ta' 18-il xahar, u d-Deċiżjoni 2002/231/KE, d-Deċiżjoni 2002/272/KE u d-Deċiżjoni 2003/200/KE għal perjodu ta' 24 xahar.

(9) Peress li l-obbligu ta' reviżjoni prevista fir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jikkonċerna biss il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, huwa xieraq li d-Deċiżjonijiet 2002/231/KE, 2002/255/KE, 2002/272/KE, 2002/371/KE 2003/200/KE u 2003/287/KE jibqgħu fis-seħħ.

(10) Id-Deċiżjonijiet 2002/231/KE, 2002/255/KE, 2002/272/KE, 2002/371/KE, 2003/200/KE, 2003/287/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

([1]) ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 77, 20.3.2002, p. 50. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/783/KE (ĠU L 295, 11.11.2005, p. 51).
([3]) ĠU L 87, 4.4.2002, p. 53. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/207/KE (ĠU L 92, 3.4.2007, p. 16).
([4]) ĠU L 94, 11.4.2002, p. 13. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/783/KE.
([5]) ĠU L 133, 18.5.2002, p. 29. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/207/KE.
([6]) ĠU L 76, 22.3.2003, p. 25.
([7]) ĠU L 102, 24.4.2003, p. 82.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2002/231/KE hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tax-xedd tar-riġel, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, se jibqgħu validi sal-31 ta' Marzu 2010."

*Artikolu 2*

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2002/255/KE hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tat-televiżjonijiet, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, se jibqgħu validi sal-31 ta' Marzu 2009."

*Artikolu 3*

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2002/272/KE hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tal-kisi iebes ta' l-art, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, se jibqgħu validi sal-31 ta' Marzu 2010."

*Artikolu 4*

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2002/371/KE hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tal-prodotti tessili, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, se jibqgħu validi sal-31 ta' Mejju 2009."

*Artikolu 5*

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2003/200/KE hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tad-deterġenti tal-londri, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, se jibqgħu validi sat-28 ta' Frar 2010."

*Artikolu 6*

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2003/287/KE hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tas-servizz ta' l-akkommodazzjoni turistika, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, se jibqgħu validi sal-31 ta' Ottubru 2009."

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Danuta HÜBNER

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Diċembru 2007

## li tagħti deroga mitluba mill-Belġju fir-rigward tar-reġjun Fjamming skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6654)*

**(Il-verżjoni Olandiża biss hija awtentika)**

(2008/64/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' l-Anness III tagħha,

Billi:

(1) Jekk l-ammont ta' demel li Stat Membru bi ħsiebu japplika għal kull ettaru fis-sena huwa differenti minn dak speċifikat fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' l-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE u fil-punt (a) tiegħu, dak l-ammont għandu jiġi ffissat sabiex ma jippreġudikax il-kisba ta' l-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva u għandu jkun iġġustifikat fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, bħalma huma, fil-każ attwali, staġuni twal ta' tkabbir u għelejjel b'rata għolja ta' assorbiment tan-nitroġenu.

(2) Il-Belġju ressaq talba lill-Kummissjoni għal deroga skond it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' l-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE li tirreferi għar-reġjun Fjamming.

(3) Id-deroga mitluba tikkonċerna l-intenzjoni tal-Belġju li f'azjendi agrikoli speċifiċi fir-reġjun Fjamming, tawtorizza l-applikazzjoni ta' sa 250 kg nitrogenu mid-demel tal-bhejjem, għal kull ettaru fis-sena, fuq irqajja' ta' art ikkultivati għall-mergħa u għall-qamħirrum miżrugħ flimkien ma' ħxejjex għall-mergħa u sa 200 kg nitroġenu mid-demel tal-bhejjem, għal kull ettaru fis-sena, fuq irqajja' ta' art ikkultivati bil-qamħ tax-xitwa, segwit bi żrigħ intermedju (*catch crops*) u bix-xitel tal-pitravi.

(4) Il-leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva 91/676/KEE għar-reġjun Fjamming, jiġifieri d-"Digriet għall-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli" (id-Digriet dwar id-Demel), ġiet adottata fit-22 ta' Diċembru 2006 [2] u tapplika bl-istess mod għad-deroga mitluba.

(5) Id-Digriet dwar id-Demel japplika fit-territorju kollu tar-reġjun Fjamming.

(6) Il-leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva 91/676/KEE tistabbilixxi limiti għall-applikazzjoni kemm għan-nitroġenu kif ukoll għall-fosfru. L-applikazzjoni tal-fosfru ma' fertilizzanti kimiċi, ġeneralment, ma hijiex permessa, għajr għal meta ssir analiżi tal-ħamrija u jinħareġ permess mill-awtoritajiet kompetenti.

(7) Id-dejta li ngħatat dwar il-kwalità ta' l-ilma tindika xejra ta' tnaqqis fil-konċentrazzjoni medja tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art u fil-konċentrazzjoni medja ta' elementi nutrittivi, inkluż il-fosfru, f'ilmijiet tal-wiċċ.

(8) Fil-perjodu bejn l-1997 u l-2005, l-applikazzjoni ta' nitroġenu mid-demel tal-bhejjem naqset minn 162 miljun kg għal 122 miljun kg filwaqt li l-applikazzjoni tal-fosfru ($P_2O_5$) mid-demel tal-bhejjem naqset minn 72 miljun kg għal 50 miljun kg, b'konsegwenza tat-tnaqqis fl-ammont ta' bhejjem, ta' l-għalf b'kontenut baxx ta' nutrijenti u ta' l-ipproċessar tad-demel. Mill-1991, l-użu tan-nitroġenu u tal-fosfru mill-fertilizzanti kimiċi naqas b'44 % u 82 % rispettivament, u issa jikkorrispondi għal 57 kg kull ettaru fil-każ tan-nitroġenu u għal 6 kg kull ettaru fil-każ tal-fosfati.

(9) Id-dokumenti anċillari li tressqu fin-notifika juru li l-ammonti proposti ta' 250 kg u 200 kg rispettivament, għal kull ettaru fis-sena, ta' nitroġenu minn demel tal-bhejjem hija iġġustifikata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi bħalma huma staġuni twal tat-tkabbir u għelejjel b'assorbiment għoli ta' nitroġenu.

(10) Il-Kummissjoni, wara li eżaminat it-talba, tqis, li jekk jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet stretti, l-ammonti proposti ta' 250 kg u 200 kg rispettivament, għal kull ettaru fis-sena, ta' nitroġenu minn demel tal-bhejjem, mhumiex se jippreġudikaw il-ksib ta' l-għanijiet tad-Direttiva 91/676/KE.

[1] ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1. Id-Direttiva emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] Belgisch Staatsblad tad-29.12.2006, p. 76368.

(11) Sabiex jevitaw li l-applikazzjoni tad-deroga mitluba twassal għal intensifikazzjoni fit-trobbija tal-bhejjem, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu ħsieb jillimitaw l-għadd ta’ bhejjem li jistgħu jinżammu f’kull farm (drittijiet ta’ emissjoni ta’ nutrijenti) fir-reġjun Fjamming skond id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Digriet dwar id-Demel tat-22 ta’ Diċembru 2006.

(12) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi applikata b’konnessjoni mat-tieni programm ta’ azzjoni fis-seħħ fir-reġjun Fjamming għall-perjodu bejn l-2007 sa l-2010 (id-Digriet dwar id-Demel tat-22 ta’ Diċembru 2006).

(13) Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nitrati stabbilit skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/676/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-deroga mitluba mill-Belġju permezz ta’ l-ittra tal-5 ta’ Ottubru 2007, fir-rigward tar-reġjun Fjamming, bil-għan li jiġi permess ammont ogħla ta’ demel tal-bhejjem minn dak previst fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta’ l-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE u fil-punt (a) tagħha, tingħata, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta’ din id-deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “farms” tfisser kemm azjendi li jrabbu l-bhejjem kif ukoll azjendi li ma jrabbux bhejjem;

(b) “roqgħa ta’ art” tfisser għalqa individwali jew grupp ta’ għelieqi, li huma omoġenji f’dak li għandu x’jaqsam maż-żrigħ, it-tip ta’ ħamrija u l-prattiki ta’ fertilizzazzjoni;

(c) “mergħa” tfisser artijiet permanentement jew temporanjament għall-mergħa (ġeneralment temporanja tfisser perjodu ta’ erba’ snin jew anqas);

(d) “għelejjel b’domanda ta’ nitroġenu għolja u staġun twil tat-tkabbir” tfisser mergħa, bil-qamħirrum miżrugħ magħha, qabel u wara l-ħsad, bil-ħaxix maħsud u mwarrab mill-għalqa jintuża bħala żrigħ intermedju, u bil-qamħ tax-xitwa segwit bi żrigħ intermedju, pitravi taz-zokkor jew ta’ l-għalf;

(e) “bhejjem li jirgħu” tfisser bhejjem ta’ l-ifrat (għajr għall-għoġġiela tal-vitella), nagħaġ, mogħoż u żwiemel;

(f) “trattament tad-demel” tfisser il-proċess ta’ separazzjoni fiżika-mekkanika tad-demel tal-ħnieżer f’żewġ partijiet, parti solida u oħra likwida, li jsir biex jittejjeb it-tixrid tagħhom ma’ l-art u jittejjeb l-irkupru tan-nitroġenu u tal-fosfru;

(g) “profil tal-ħamrija” tfisser is-saff ta’ ħamrija li jinsab taħt wiċċ l-art sa fond ta’ 0.90 m, għajr għal meta l-medja ta’ l-ogħla livell ta’ ilma ta’ taħt l-art tkun aktar fil-baxx; f’dan il-każ, il-fond ikun il-medja ta’ l-ogħla livell ta’ ilma ta’ taħt l-art.

*Artikolu 3*

**Ambitu**

Din id-Deċiżjoni tapplika individwalment għal irqajja’ speċifikati ta’ farms, li jkunu ikkultivati b’għelejjel b’domanda ta’ nitroġenu għolja u staġun twil tat-tkabbir u suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4,5, 6 u 7.

*Artikolu 4*

**Awtorizzazzjoni u impenn annwali**

1. Il-bdiewa li jridu jibbenefikaw minn deroga għandhom jissottomettu applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kull sena.

2. Flimkien ma’ l-applikazzjoni annwali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintrabtu bil-miktub li se jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiggarantixxu li l-applikazzjonijiet kollha għal deroga jkunu suġġetti għal kontroll amministrattiv. Meta l-kontroll imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti għall-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 juri li l-kundizzjonijiet previsti mill-Artikoli 5, 6 u 7 mhumiex sodisfatti, l-applikant għandu jkun infurmat b’dan u l-applikazzjoni għandha titqies miċħuda.

*Artikolu 5*

**Trattament tad-demel**

1. It-trattament tad-demel għandu jilħaq, mill-inqas, it-tneħħija ta’ 80 % tas-solidi kontenuti fil-parti likwida, u t-tneħħija ta’ 35 % tat-total ta’ nitroġenu u ta’ 70 % tal-fosfru mill-parti solida. L-effiċjenza fit-tneħħija tal-parti solida għandha tkun evalwata permezz tal-bilanċ tal-massa.

2. Il-parti solida li tirriżulta mit-trattament tad-demel għandha tintbagħat lil impjanti awtorizzati għar-riċiklaġġ, bl-għan li jitnaqqsu l-irwejjaħ u emissjonijiet oħrajn, jittejbu l-proprjetajiet agronomiċi u iġeniċi, titħaffef il-ġestjoni u jittejjeb l-irkupru tan-nitroġenu u tal-fosfati. Il-prodott riċiklat ma għandux jintuża fuq art agrikola li tinsab fir-reġjun Fjamming, għajr għal parkijiet, veġetazzjonijiet u ġonna privati.

3. Il-parti likwida li tirriżulta mit-trattament tad-demel għandha titwarrab u tinħażen. Sabiex din titqies li hija demel trattat, irid ikollha proporzjon ta’ nitroġenu/fosfati ($N/P_2O_5$) ta’ mill-inqas 3.3 u konċentrazzjoni ta’ nitroġenu ta’ mill-inqas 3 g kull litru.

4. Kull sena, il-bdiewa li jagħmlu t-trattament tad-demel għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti d-dejta dwar il-kwantità ta' demel li jintbagħat għat-trattament, il-kwantità u d-destinazzjoni tal-parti solida u tad-demel ittrattat u l-kontenut ta' nitroġenu u fosfru tagħhom.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu, u jissottomettu lill-Kummissjoni, il-metodoloġiji użati għall-evalwazzjoni tal-kompożizzjoni tad-demel ittrattat, il-varjazzjonijiet fil-kompożizzjoni u l-effiċjenza tat-trattament għal kull farm li jibbenifika minn deroga individwali.

6. L-ammonja u emissjonijiet oħrajn li jirriżultaw mit-trattament tad-demel għandhom jinġabru u jiġu ttrattati, sabiex jitnaqqsu l-effetti negattivi u l-impatt fuq l-ambjent.

*Artikolu 6*

**Applikazzjoni tad-demel u fertilizzanti oħra**

1. L-ammont ta' demel mill-bhejjem li jirgħu u demel ittrattat li jintuża fuq ir-raba' kull sena, inkluż dak tal-bhejjem stess, ma għandux jaqbeż l-ammont ta' demel stipulat fil-paragrafu 2, suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 11.

2. L-ammont ta' demel mill-bhejjem li jirgħu u demel ittrattat ma għandux jaqbeż 250 kg ta' nitroġenu, għal kull ettaru fis-sena, fuq irqajja' ta' art ikkultivati għall-mergħa u għall-qamħ miżrugħ flimkien ma' ħxejjex għall-mergħa u 200 kg ta' nitroġenu, għal kull ettaru fis-sena, fuq irqajja' ta' art ikkultivati bil-qamħ tax-xitwa, segwit bi żrigħ intermedju u bix-xitel tal-pitravi.

3. Il-kontribut totali tan-nitroġenu għandu jkun konformi mad-domanda għan-nutrijenti ta' l-għalla u jqis il-provvista tan-nitroġenu mill-ħamrija u ż-żieda fid-disponibbiltà tan-nitroġenu mid-demel minħabba t-trattament tiegħu. Fi kwalunkwe każ, ma għandux ikun ogħla minn 350 kg għal kull ettaru fis-sena fuq irqajja' ta' art ikkultivati għall-mergħa, 220 kg għal kull ettaru fis-sena fuq irqajja' ta' art ikkultivati għall-pitravi taz-zokkor, 275 kg għal kull ettaru fis-sena għal irqajja' ta' art ikkultivati bil-qamħ tax-xitwa segwit bi żrigħ intermedju, pitravi ta' l-għalf u qamħirrum miżrugħ flimkien ma' ħaxix, għajr, f'dan l-aħħar każ, għal rqajja' ta' art b'ħamrija mrammla, li għaliha, l-applikazzjoni ta' nitroġenu ma għandhiex tkun ogħla minn 260 kg għal kull ettaru fis-sena.

4. Kull farm għandu jżomm pjan ta' fertilizzazzjoni, għall-art disponibbli tiegħu kollha, b'deskrizzjoni tat-tinwib u l-għoti ppjanat ta' demel u fertilizzanti tan-nitroġenu u tal-fosfati. Dan għandu jkun disponibbli fil-farm kull sena kalendarja sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar.

Il-pjan ta' fertilizzazzjoni għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-għadd ta' bhejjem ħajjin, deskrizzjoni tas-sistema ta' kif jinżammu u jinħażnu, inkluż il-volum disponibbli għall-ħżin tad-demel;

(b) kalkolu tan-nitroġenu u fosfru prodotti mid-demel fil-farm;

(c) id-deskrizzjoni tat-trattament tad-demel u tal-karatteristiċi mistennija tiegħu;

(d) l-ammont, it-tip u l-karatteristiċi ta' demel li jingħata barra l-artijiet tal-farm jew fil-farm;

(e) kalkolu tan-nitroġenu u fosfru tad-demel li għandu jiġi applikat fil-farm;

(f) it-tinwib u l-erja ta' rqajja' ta' art disponibbli b'għelejjel b'domanda ta' nitroġenu għolja u staġun twil tat-tkabbir u rqajja' ta' art b'għelejjel oħra, flimkien ma' tpinġija ta' mappa li tindika fejn jinsabu dawn l-irqajja' ta' art individwali;

(g) il-ħtiġijiet prevedibbli li jkollhom l-għelejjel f'termini ta' nitroġenu u ta' fosfru għal kull roqgħa ta' l-art;

(h) l-applikazzjonijiet ta' nitroġenu u ta' fosfru mid-demel fuq kull roqgħa ta' l-art;

(i) l-applikazzjoni tan-nitroġenu u tal-fosfru b'fertilizzanti kimiċi kif ukoll fertilizzanti oħrajn fuq kull roqgħa ta' l-art.

Il-pjanijiet għandhom jiġu rriveduti sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara kwalunkwe bidla fil-prattiki agrikoli sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-pjanijiet u l-prattiki agrikoli attwali.

5. Kull farm għandu jħejji kontijiet tal-fertilizzazzjoni. Dawn għandhom jitressqu lill-awtorità kompetenti għal kull sena kalendarja.

6. Kull farm li jibbenefika minn deroga individwali għandu jaċċetta li l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 4, il-pjan tal-fertilizzazzjoni u l-kontijiet tal-fertilizzazzjoni jkunu jistgħu jiġu suġġetti għal kontroll.

7. L-analiżi tan-nitroġenu u tal-fosfru fil-ħamrija għandha ssir għal kull farm, mill-inqas darba kull erba' snin għal kull roqgħa ta' l-art. Mill-inqas, għandha tinħtieġ analiżi waħda għal kull 5 ettari ta' raba'.

8. Il-konċentrazzjoni ta’ nitroġenu fil-profil tal-ħamrija għandha titkejjel fil-ħarifa ta’ kull sena, f’mill-inqas 25 % tal-farms li jibbenifikaw mid-deroga. Il-kampjuni u l-analiżi tal-ħamrija għandhom ikopru mill-inqas 5 % ta’ l-irqajja’ ta’ l-art ikkultivati b’għelejjel b’domanda ta’ nitroġenu għolja u staġun twil tat-tkabbir u mill-inqas 1 % ta’ l-irqajja’ ta’ l-art l-oħrajn. Kull 2 ettari ta’ art agrikola, jeħtieġu mill-inqas tliet kampjuni li jirrappreżentaw tliet saffi ta’ ħamrija differenti.

9. Id-demel ma għandux jingħata fil-ħarifa, qabel il-kultivazzjoni tal-mergħa.

10. Mill-inqas, żewġ terzi ta’ l-ammont ta’ nitroġenu mid-demel, għajr għal nitroġenu minn demel tal-bhejjem li jirgħu, għandu jintuża qabel il-15 ta’ Marzu ta’ kull sena.

11. Il-fatturi ta’ nitroġenu u fosfru tal-ħmieġ tal-bhejjem ta’ l-ifrat stabbiliti fil-paragrafu 1 ta’ l-Artikolu 27 tad-Digriet Fjamming dwar id-Demel tat-22 ta’ Diċembru 2006 għandu japplika mill-ewwel sena li fiha tkun valida din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 7*

**Ġestjoni ta’ l-artijiet**

Il-bdiewa li jibbenefikaw minn deroga individwali għandhom iwettqu l-miżuri li ġejjin:

(a) il-mergħa għandha tinħarat fir-rebbiegħa;

(b) il-mergħa ma għandhiex tinkludi pjanti leguminużi jew pjanti oħra li jipproċessaw in-nitroġenu atmosferiku;

(c) wara li tinħarat, ir-raba’ għandha tiġi kkultivata b’għalla b’domanda ta’ nitroġenu għolja u l-fertilizzanti ma għandhomx jingħataw fis-sena li fiha jsir il-ħrit tal-mergħa permanenti;

(d) iż-żrigħ intermedju għandu jsir immedjatament wara l-ħsad tal-qamħ tax-xitwa u mhux aktar tard mill-10 ta’ Settembru;

(e) iż-żrigħ intermedju ma għandux jinħarat qabel il-15 ta’ Frar sabiex ikun żgurat li r-raba’ tkun miksija bil-veġetazzjoni s-sena kollha sabiex jiġu rkuprati n-nitrati li jintilfu mis-saff sekondarju ta’ ħamrija fil-ħarifa u sabiex dan it-telf jiġi limitat fix-xitwa.

*Artikolu 8*

**Miżuri oħra**

1. Din id-deroga għandha tapplika bla preġudizzju għall-miżuri meħtieġa biex tikkonforma ma’ leġiżlazzjoni ambjentali Komunitarja oħra.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-derogi li jingħataw għall-applikazzjoni ta’ demel ittrattat ikunu kompatibbli mal-kapaċità ta’ l-impjanti awtorizzati għall-ipproċessar tal-parti solida.

*Artikolu 9*

**Miżuri għall-produzzjoni u trasport tad-demel**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-ħarsien tal-limitu fl-għadd ta’ bhejjem li jistgħu jinżammu f’kull farm (drittijiet ta’ emissjoni ta’ nutrijenti) fir-reġjun Fjamming skond id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Digriet dwar id-Demel tat-22 ta’ Diċembru 2006.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li t-trasport tad-demel minn trasportaturi akkreditati li huma kklassifikati fil-kategoriji A 2°b, A 5°, A 6°, B u C skond l-Artikoli 4 u 5 tad-Digriet Ministerjali Fjamming tad-19 ta’ Lulju 2007 [1] jiġi rreġistrat permezz ta’ sistemi ta’ pożizzjonament ġeografiku.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kompożizzjoni tad-demel fir-rigward tal-konċentazzjoni ta’ nitroġenu u fosfru tiġi evalwata qabel ma jsir it-trasport. Il-kampjuni tad-demel għandhom jiġu analizzati minn laboratorji rikonoxxuti u r-riżultati ta’ l-analiżi għandhom jintbagħtu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-bidwi li jkun ser jirċievi d-demel.

*Artikolu 10*

**Monitoraġġ**

1. Għal kull Muniċipalità, l-awtorità kompetenti għandha tħejji u taġġorna kull sena l-mapep li juru l-perċentwal ta’ farms, il-perċentwal ta’ bhejjem u l-perċentwal ta’ raba’ kopert minn deroga individwali. Kull sena, dawk il-mapep għandhom jitressqu lill-Kummissjoni u, għall-ewwel darba, sa Frar 2008.

2. Netwerk ta’ monitoraġġ għat-teħid ta’ kampjuni ta’ l-ilma tal-wiċċ u ta’ ilma taħt l-art baxx għandu jiġi stabbilit u miżmum sabiex jiġi vvalutat l-impatt tad-deroga fuq il-kwalità ta’ l-ilma.

3. Stħarriġ u analiżi tan-nutrijenti għandhom jipprovdu d-dejta dwar l-użu lokali tar-raba’, it-tinwib u l-prattiki agrikoli fuq farms li jibbenefikaw minn derogi individwali. Din id-dejta tista’ tintuża biex isiru kalkoli, abbażi ta’ mudelli, tal-kwantità ta’ tlissija tan-nitrati u tat-telf tal-fosfru minn irqajja’ ta’ l-art li fihom jingħataw sa 200 kg nitroġenu kull ettaru fis-sena u 250 kg nitroġenu kull ettaru fis-sena ta’ demel mill-bhejjem tal-mergħa u ta’ demel ittrattat, skond l-Artikolu 6(2).

[1] Belgisch Staatsblad tal-31.8.2007, p. 45564.

4. Għandhom ikunu stabbiliti punti ta' monitoraġġ, li jikkorrispondu għal mill-inqas 150 farm, biex tkun ipprovduta dejta dwar il-konċentrazzjoni ta' nitroġenu u fosfru fl-ilma tal-ħamrija, dwar in-nitroġenu minerali fil-profil tal-ħamrija u t-telf korrispondenti ta' nitroġenu u fosfru li jgħaddi miż-żona ta' l-għeruq għall-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll it-telf ta' nitroġenu u fosfu minn tnixxija fuq u taħt wiċċ l-art, kemm jekk f'kundizzjonijiet tad-deroga kif ukoll jekk le. Il-punti ta' monitoraġġ għandhom jirrappreżentaw kull tip ta' ħamrija (ħamrija taflija, mħallta, mrammla u bi trab fin), prattiki ta' fertilizzazzjoni u għelejjel. Il-kompożizzjoni tan-netwerk ta' monitoraġġ ma għandhiex tiġi mmodifikata waqt iż-żmien li fih tkun applikabbli din id-deċiżjoni.

5. Fl-ilqugħ agrikoli b'ħamrija mrammla għandu jitwettaq monitoraġġ aktar bir-reqqa.

*Artikolu 11*

**Kontrolli**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi tal-farms kollha li jibbenefikaw minn deroga individwali għall-valutazzjoni tal-konformità mal-kwantità massima ta' nitroġenu mid-demel tal-bhejjem, għal kull ettaru fis-sena, mar-rati tal-fertilizazzjoni massimi tan-nitroġenu u tal-fosfru, mal-kundizzjonijiet ta' l-użu ta' l-art u tat-trattament u t-trasport tad-demel.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-kontroll tar-riżultati ta' l-analiżi fir-rigward tal-konċentrazzjoni tan-nitrati fil-profil tal-ħamrija fil-ħarifa. F'każ li l-kontrolli jindikaw li f'xi roqgħa ta' l-art speċifika jkunu nqabżu l-limitu ta' 90 kg nitroġenu kull ettaru jew il-valuri aktar baxxi stabbiliti mill-Gvern Fjamming skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 14 tad-Digriet Fjamming dwar id-Demel tat-22 ta' Diċembru 2006, il-bidwi għandu jiġi mgħarraf b'dan u r-roqgħa ta' l-art titneħħa mid-deroga fis-sena li jmiss.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jsiru kontrolli fuq il-post mill-inqas għal 1 % ta' l-operazzjonijiet ta' trasport tad-demel, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u tar-riżultati tal-kontrolli amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1. Mill-inqas, il-kontrolli għandhom jinkludu verifika tat-twettiq ta' l-obbligi ta' akkreditazzjoni, il-valutazzjoni tad-dokumenti mehmuza, il-verifika ta' l-oriġini u tad-destinazzjoni tad-demel u kampjuni tad-demel ittrasportat. Il-kampjuni tad-demel jistgħu jittieħdu, meta xieraq, permezz ta' makkinarju installat apposta fuq il-vetturi u li jiġbor il-kampjuni b'mod awtomatiku waqt li d-demel ikun qed jitgħabba. Il-kampjuni tad-demel għandhom jiġu analizzati minn laboratorji rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti u r-riżultati ta' l-analiżi għandhom jintbagħtu kemm lill-bidwi li jkun qed jipprovdi d-demel kif ukoll lil dak li jkun ser jirċievi d-demel.

4. Għandu jkun stabbilit programm ta' spezzjonijiet ta' l-għelieqi bbażat fuq l-analiżi tar-riskju, riżultati tal-kontrolli tas-snin ta' qabel u riżultati ta' kontrolli każwali ġenerali ta' l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva 91/676/KEE. L-ispezzjonijiet ta' l-għelieqi għandhom ikopru talanqas 5 % tal-farms li jibbenefikaw minn deroga individwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5, 6 u 7.

*Artikolu 12*

**Rappurtar**

1. Kull sena, l-awtorità kompetenti għandha tissottometti r-riżultati tal-monitoraġġ lill-Kummissjoni, b'rapport konċiż dwar l-evoluzzjoni tal-kwalità ta' l-ilma, il-valutazzjoni tar-residwi tan-nitrati fil-profil tal-ħamrija fil-ħarifa għal għelejjel differenti f'farms li jibbenefikaw minn deroga u l-prattika ta' valutazzjoni. Ir-rapport għandu juri kif titwettaq il-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet tad-deroga permezz ta' kontrolli fuq il-livell ta' farms u fuq livell ta' rqajja' ta' l-art u għandu jinkludi informazzjoni dwar farms mhux konformi fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-ispezzjonijiet amministrattivi u fuq il-post.

2. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar it-trattament tad-demel, inkluż aktar ipproċessar u użu ieħor tal-partijiet solidi, u jipprovdi dejta ddettaljata dwar il-karatteristiċi tas-sistemi ta' trattament, l-effiċjenza tagħhom u l-kompożizzjoni tad-demel ittrattat.

3. Barra mid-dejta msemmija fil-paragrafi 1 u 2, ir-rapport għandu jinkludi dejta dwar il-fertilizzazzjoni fil-farms kollha li jibbenefikaw minn deroga individwali, ix-xejriet fil-produzzjoni tad-demel fir-reġjun Fjamming, fir-rigward tan-nitroġenu u l-fosfru, ir-riżultati ta' kontrolli amministrattivi u fuq il-post ta' trasport tad-demel u r-riżultati ta' kontrolli fuq il-bilanċi ta' nutrijenti fil-livell ta' farms għall-kalkolu tal-koeffiċjenti tal-ħmieġ tal-ħnieżer u tat-tiġieġ.

4. L-ewwel rapport għandu jitressaq sa Diċembru 2008 u wara, kull sena sax-xahar ta' Lulju.

5. Ir-riżultati miksuba b'dan il-mod se jitqiesu mill-Kummissjoni fir-rigward ta' talba ġdida eventwali għal deroga.

*Artikolu 13*

**Applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni se tkun applikabbli fil-kuntest tal-programm ta' azzjoni 2007-2010 għar-Reġjun Fjamming (Digriet dwar id-Demel tat-22 ta' Diċembru 2006) u se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010.

*Artikolu 14*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, 21 ta’ Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Stavros DIMAS
*Membru tal-Kummissjoni*